# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 27**
**Citazzjoni Numru 362/01 LSO**

**TGS Company Limited**

**v.**

**Polidano Brothers Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici TGS Company Limited datata 5 ta' Marzu 2001 li taqra hekk:

> "Illi s-socjeta` attrici u dik konvenuta kienu dahlu fi skrittura privata datata tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) (Dok A) fejn is-socjeta` attrici kellha tipprovdi haddiema lis-socjeta` konvenuta, li s-socjeta` attrici dejjem ghamlet skont l-obbligi taghha taht dik l-iskrittura;
>
> "Illi skont l-istess skrittura privata, is-socjeta` attrici kellha tithallas somma fissa fis-siegha ghal kull haddiem provdut lis-socjeta` konvenuta u kull xahar kien jinhareg kont ghas-servizzi skont log li kien jinzamm miz-zewg partijiet;
>
> "Illi kundizzjoni tal-kuntratt in kwistjoni kienet illi s-socjeta` konvenuta ma setghetx tavvicina bl-ebda mod lill-haddiema tas-socjeta` attrici sabiex jmorru jahdmu direttament mas-socjeta` konvenuta;

"Illi s-socjeta` konvenuta bi ksur manifest tal-istess ftehim qabbdet u haddmet lill-erba' haddiema tas-socjeta` attrici u ghalhekk skont il-ftehim in kwistjoni s-socjeta` konvenuta kellha thallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) ghal kull haddiem avvicinat;

"Illi ghad fadal bilanc ta' ghaxart elef, mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm10,259.03) dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici;

"Illi s-socjeta` attrici giet interpellata diversi drabi sabiex thallas u din xorta baqghet inadempjenti;

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm10,259.03);

"2. Tikkundanna lis-s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' ghaxart elef, mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u tliet centezmi (Lm10,259.03);

"Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 506/01 u tal-Mandat ta' Qbid Nru. ______ u bl-imghaxijiet legali mil-lum kontra l-istess socjeta` konvenuta li hija minn issa mharrka ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited datata 2 ta' April 2001 fejn gie eccepit:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` attrici kienet inadempjenti fl-obbligi taghha li konsistentement tipprovdi lis-socjeta` eccipjenti b'mano d'opera kif pattwit u ghalhekk l-istess socjeta` eccipjenti mhix debitrici fl-ammont pretiz;

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-kuntrarju ta' dak li tippremetti s-socjeta` attrici, is-socjeta` eccipjenti ma kisritx il-ftehim ta' bejn il-partijiet u ghalhekk ukoll is-socjeta` eccipjenti mhix debitrici fl-ammont pretiz;

"3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet is-socjeta` attrici li kisret il-ftehim ta' bejn il-partijiet u ghalhekk is-socjeta` konvenuta qieghda tipprocedi permezz tas-segwenti kontro-talba;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra".

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited li taqra hekk:

"Illi s-socjetajiet kontendenti ftehmu permezz ta' skrittura privata datata tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) illi s-socjeta` attici rikonvenuta kellha tipprovdi lis-socjeta` konvenuta b'sitt (6) 'skilled shutterers / carpenters' sabiex dawn ikunu jistghu jahdmu fuq progetti mmexxija mis-socjeta` konvenuta;

"Illi s-socjeta` attrici rikonvenuta kienet obbligata, ai termini tal-ftehim taghha mal-imsemmija haddiema, li thallashom remunerazzjoni ghal xogholhom izda naqset li taghmel dan regolarment u minghajr interruzzjoni, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta hallset hi parti mill-istess remunerazzjoni;

"Illi s-socjeta` attrici rikonvenuta kienet ukoll obbligata li thallas ghal biljett tal-ajru tal-imsemmija haddiema, jew min minnhom, izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk kienet is-socjeta` konvenuta li hallset hi ghall-istess biljetti tal-ajru;

"Illi s-socjeta` attrici rikonvenuta kienet ukoll obbligata li thallas ghall-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali relattivi ghall-imsemmija haddiema, jew min minnhom, izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk kienet is-socjeta` konvenuta li hallset hi ghall-istess kontribuzzjonjiet;

"Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta, kemm b'konvenzjoni u kemm bil-ligi, giet surrogata fid-drittijiet tal-haddiema Slobodan Peric, Milorad Nenezic, Goran Kuzeljevic u Miodrag Colic ghall-kreditu taghhom kontra s-socjeta` attici kif premess;
"Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attici rikonvenuta fis-somma ta' tlett elef tmien mija u ghaxar Liri Maltin (Lm3,810.00) rapprezentanti ammonti zborsati kif premess;

"Illi bl-inadempjenzi taghha s-socjeta` attici rikonvenuta kkawzat danni lis-socjeta` konvenuta u, minkejja li l-istess socjeta` attrici rikonvenuta giet interpellata sabiex tikkompensa lis-socjeta` konvenuta, hija baqghet inadempjenti;

"Tghid ghalhekk is-socjeta` attici rikonvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, u prevja kull dikjarazzjori ohra necessarja u opportuna:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici hija debitrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlett elef tmien mija u ghaxar Liri Maltin (Lm3, 810.00), jew somma verjuri, rapprezentanti dak l-ammont zborsat mill-istess socjeta` konvenuta kif premess;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir jew nuqqasijiet taghha s-socjeta` attrici rikonvenuta kisret l-obbligi minnha assunti permezz tal-iskrittura privata datata 3 ta' Frar 2000, u b'hekk ikkawzat danni lis-socjeta` konvenuta;

"3. Tillikwida d-danni kawzati mis-socjeta` attrici rikonvenuta bl-agir, ossia nuqqasijiet taghha kif premess;

"4. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenuta thallas lis-socjeta` konvenuta l-ammonti likwidati fl-ewwel (1) u t-tielet (3) talba.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici rikonvenuta, li hi ngunta ghas-subizzjoni, u b' riserva ghal kull azzjoni fil-ligi".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici TGS Company Limited ghall-kontro-talba ta' Polidano Brothers Limited datata 26 ta' April, 2001, fejn eccepiet:

"1. Illi t-talbiet tas-socjeta` Polidano Brothers Limited huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi in kwantu illi la b'konvenzjoni u lanqas bil-ligi hija surrogata li taghmel pagamenti ghan-nom tas-socjeta` attrici specjalment meta s-socjeta` konvenuta kienet taf ben tajjeb illi kien hemm kwistjoni bejn is-socjeta` attrici u l-haddiema in kwistjoni.

"2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Lulju, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi, laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat is-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €23,897.11; laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat ta' €23,897.11, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza. Hi wkoll iddisponiet mit-talba rikonvenzjonali billi laqghet l-ewwel talba rikonvenzjonali u ddikjarat li s-socjeta` attrici hija debitrici tas-socjeta` konvenuta limitatament ghall-ammont ta' €5,171.20; cahdet it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali u laqghet ir-raba'

talba rikonvenzjonali u kkundannat lis-socjeta` attrici sabiex thallas lis-socjeta` konvenuta is-somma ta' €5,171.20, likwidati ai fini tal-ewwel talba rikonvenzjonali. Ordnat ukoll li l-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal 1/3 mis-socjeta` attrici u 2/3 mis-socjeta` konvenuta.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' ammont bilancjali dovuta lilha fuq ftehim ghall-provvista ta' mano d'opera iffirmata bejn il-kontendenti fit-3 ta' Frar 2000. Inoltre qed tirrikjama hlas ta' danni minnhabba ksur tal-patti kuntrattwali. Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, ressqet talba rikonvenzjonali ghall-hlas ta' spejjez u danni peress li issostni li kienet is-socjeta` attrici li kissret il-kondizzjonijiet tal-ftehim imsemmi.
>
> "Jinghad *in limine* li l-partijiet ressqu xhieda kopjuza u dettaljata li taghti kwadru tal-mod kif svolgew ir-relazzjonijiet bejniethom. Il-kompitu tal-Qorti hija pjuttost wiehed ta' gharbiel ta' fatti peress li r-relazzjonijiet guridici bejn il-kontendenti kienu regolati b'sahha tal-iskrittura privata imsemmija[1] bl-applikazzjoni tal-principju fondamentali *pacta sunt servanda*.
>
> "Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-kontendenti ffirmaw l-iskrittura ta' ftehim fuq riferita permezz tar-rapprezentanti taghhom rispettivi, Anthony Sammut ghan-nom tas-socjeta` attrici, u Charles Polidano ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Il-ftehim kellu jibqa' fis-sehh ghal disa' xhur u beda effettivament fl-1 ta' Marzu 2000. Madanakollu jidher li kompla sat-12 ta' Dicembru 2000 u dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Anthony Sammut ghan-nom ta' TGS kif ukoll mix-xhieda ta' Boris Farrugia ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Minnkejja li kienet obbligata tipprovdi sitt skilled workers, spicca li tnejn minnhom ma kienux tas-sengha u ntbaghtu lura. L-erbgha impjegati barranin li gew provvduti kienu Slobodan Peric, Milorad Nenezic, Goran Kuzeljevic u Miodrag Colic. Madanakollu il-kuntratt baqa' jigi operat bejn il-partijiet minghajr ma hadd minnhom talab li jigi terminat. Jirrizulta li ghal xi gimgha fix-xahar ta' Awwissu, waqt li s-socjeta` konvenuta kienet f'shutdown, is-socjeta` TGS baghtet lill-erba' haddiema barranin jahdmu fuq lant tax-xoghol iehor ma' Skanska Ltd izda mhumiex qed jitlobu hlas ghal dawn il-granet. Jirrizulta wkoll li dawn l-erba' haddiema barranin eventwalment gew impjegati mis-socjeta` konvenuta wara li spicca il-perjodu kuntrattwali.

[1] Dok. A. anness mac-citazzjoni

"Is-socjeta` TGS tghid li faddlilha tithallas bilanc dovut skont il-kuntratt, kif ukoll l-ammont ta ' Lm1000 ghal kull wiehed mill-erba' impjegati taghha li gew ingaggati mis-socjeta` konvenuta bi ksur tal-klawsola 2.10 tal-ftehim.

"Is-socjeta` Polidano Bros, min-naha l-ohra, tallega li TGS kisru l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghhom meta operaw il-haddiema fuq xoghol ta' terzi peress li kellhom jintuzaw esklussivament fuq progetti ta' Polidano Bros. Inoltre qed jitolbu ir-rimbors ta' pagi li hallsu lill haddiema direttament meta TGS waqqfu milli jhallsuhom il-pagi, ta' spejjez ta' akkomodazzjoni, biljetti ta' l-ajru kif ukoll danni konsistenti fi spejjez inkorsi ghall-ingagg ta' tmien haddiema biex jikkomplimentaw / jissostitwixxu lil dawn il-haddiema.

"XHIEDA PRODOTTI

"Xehed Anthony Sammut[2] li qal li skont il-ftehim tat-3 ta' Frar 2000 is-socjeta` attrici kellha tipprovdi haddiema specjalizzati fil-qasam ta' kostruzzjoni, ghal fini ta' progett li kien pjan ta' Polidano Bros. Is-socjeta` konvenuta, skont dan il-ftehim, fl-ebda hin ma seta' kellha relazzjonijiet diretti mal-haddiema li jkun ipprovda hu ghal dan ix-xoghol specifiku. Sar ftehim li l-hlas isir fi zmien sebat ijiem mid-data tal-invoice u hasbu ukoll ghad-danni fil-kaz li xi wiehed minnhom jonqos mill-kundizzjonijiet miftehma fil-kuntratt.

"Is-socjeta` attrici impjegat sitt haddiema permezz ta' kuntratt tax-xoghol li gie ffirmat mill-partijiet ikkoncernati f'kull kaz, fosthom Slobodan Peric, Miodrag Colic, Milorad Nenezic u Goran Kuzellevic. Dawn accettaw li jezegwixxu x-xoghol ai termini ta' l-istess kuntratt, inter alia li ma jfittxux impjieg dirett, temporanju jew permanenti, ma xi kumpanija ohra hlief TGS. F'kaz li jonqsu minn dan ilftehim, ikollhom jhallsu huma stess il-passagg taghhom lura lejn pajjizhom, kif ukoll id-danni rizultanti mit-terminu tax-xoghol qabel waqtu.

"Fl-1 ta' Marzu 2000 bdew jahdmu ghal Polidano Bros, u hu bhala Direttur ta' TGS, wara li vverifika s-sieghat tax-xoghol mal-foreman ta' Polidano Bros baghat numru ta' invoices lil Charles Polidano. Xi whud minnhom ma thallsux.

"F'Dicembru 2000 saru jafu li kien hemm avvicinament bejn Polidano Bros. u l-istess haddiema sabiex dawn jigu mpjegati direttament ma' Polidano Bros. minghajr l-involviment ta' TGS. Dan kien bi ksur manifest tal-kuntratti rispettivi[3]. Meta raw li Polidano Bros. kienu se jibqghu jikkontrattaw direttament mal-haddiema taghhom, huma waqqfu lil haddiema milli jkomplu jmorru ghax-xoghol ghand Polidano Bros. Xtraw ukoll il-biljetti ta' l-ajru sabiex ikunu jistghu jmorru lura f'pajjizhom. Dawn pero` baqghu jmorru ghax-xoghol. B'hekk, twaqqaf il-paga taghhom sabiex jigu kkompensati a bazi tal-kuntratt, izda xorta gie offrut lilhom l-ammont dovut ghax-xoghol li kienu ga ghamlu. Din l-offerta giet rifjutata kif ukoll rrifjutaw li jmorru lura f'pajjizhom.

[2] Affidavit a fol 42 tal-process.
[3] Senjatament il-klawsola 2.10 tal-ftehim Dok.A. Ara wkoll l-affidavit ulterjuri tal-istess xhud esebit a fol.211 tal-process.

"Sadanittant, is-socjeta` attrici avvicinat lil Polidano Bros. Kemm-il darba sabiex jaslu ghal xi ftehim u hargu l-invoices finali ghal pagament. Sar hlas akkont tal-invoice, izda s-sitwazzjoni kienet tidher bic-car li Polidano Bros. ma kienux se jonoraw il-pagamenti kif miftiehem.

"Barra minn hekk, minkejja li Polidano Bros. stqarrew li hallsu l-pagi lil haddiema, skont l-ittra datata 4 ta' Settembru 2001 (Dok AS1), l-haddiema marru ghand il-Ministeru ghall-Politika Socjali peress li ma thallsux il-paga.

"Skont ix-xhud, Polidano Bros. ghandhom ilhallsu s-somma ta' Lm12,590.12, li jinkludi l-ammont li ghadu dovut ghax-xoghol li ghamel TGS u l-ammont ta' Lm1,000 li Polidano Bros. accettaw li jhallsu ghal kull haddiem li javvicinaw direttament.

"Xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2007 (fol. 260), fejn ikkonkluda ghad-domanda ta' l-Avukat Cremona ghaliex ippruvaw jaslu ghas-saldu ma' l-imsemmija impjegati billi rrisponda "...ahna sibna ma wiccna sitwazzjoni, fejn l-impjegati f'mument partikolari kienu qalulna illi ma riedux jafu bina iktar u li kienu gew ingaggjati mill-kumpanija konvenuta, meta ahna nsostnu illi konna wettaqna kompletament il-parti taghna tal-kuntratt, kif nghidu fit-talbiet attrici u li r-ragunijiet illi nagbu mill-kumpanija konvenuta, kienu skuza biex lilna jnehhuna 'l barra mill-arrangamenti illi kien hemm".

"Xehed Boris Farrugia[4] impjegat ma' Polidano Bros. Ltd. bhala *Group Head Finance*. Ikkonferma li permezz ta' l-iskrittura privata Dok.A, TGS obbligat ruhha li tipprovdi lil Polidano Brothers b'mano d'opera ta' sitt *skilled shutterers/carpenters.*

"Il-*commencement date* ta' l-iskrittura privata kellha tkun mill-1 ta' Marzu 2000 sa' l-ahhar ta' Novembru 2000 (u cioe` disa' xhur).

"Skont klawsola 1.2 tal-kuntratt, TGS kienet obbligata li l-haddiema li tipprovdi thaddimhom biss ma' Polidano Brothers tul il-kuntratt. F'Awwissu tas-sena 2000 erbgha mill-haddiema nfurmawh li waqt il-hames t'ijiem *shut down* ta' Polidano Brothers intbaghtu jahdmu ma' Kumpanija ohra Skanska Co. Ltd. Il-haddiema kienu wkoll gew imwiddba mit-TGS sabiex ma jitkellmux ma' Polidano Brothers rigward din il-bicca. B'hekk TGS kienet kisret l-obbligi taghha skont l-iskrittura.

"Ukoll skont l-iskrittura, kienet TGS li kienet obbligata thallas lill-haddiema li kienet ser tipprovdi lil Polidano Brothers[5].

"Xi ftit xhur wara l-ezekuzzjoni tal-kuntratt il-Perit ta' Polidano Brothers, Vincent Saydon infurmah li l-erba' haddiema ma kienux qed jahdmu peress li ma kienux kuntenti bil-hlas taghhom. Il-haddiema kienu fethu qalbhom

[4] Affidavit a fol.52 tal-process.
[5] klawsola 1.15

mieghu ukoll rigward dan il-fatt. Polidano Brothers ma setghet taghmel xejn la darba kienet TGS li kienet obbligata thallashom.

"Il-produzzjoni tax-xoghol ta' dawn il-haddiema naqset hafna u b'hekk Polidano Brothers kellha tingagga diversi haddiema ohra sabiex jaghmlu x-xoghol li suppost kienu qed jaghmlu l-erba' haddiema provduti mit-TGS. Ma kienx hemm triq ohra peress li l-kuntratt tal-post li fuqu kienu qed jahdmu kien jipprovdi li jekk sa certu zmien ix-xoghol ma jitlestix Polidano Brothers kienet se tinkorri diversi penali.

"F'Ottubru 2000 TGS waqfet ghal kollox milli taghti l-paga dovuta lihom. Huwa personalment tkellem mar-rapprezentanti ta' TGS sabiex jirranga s-sitwazzjoni u nduna pero' li TGS qatt ma kienet hallset il-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali dovuta lil Gvern ghal dawn il-haddiema.

"Il-haddiema baqghu jinsistu ghall-pagi taghhom u kien ghalhekk li Polidano Brothers spiccat hallset il-pagi lil dawn il-haddiema u mhux ghaliex bdiet timpjegahom maghha direttament. (vide Dok F2 sa BF5). Dawn il-flus riedet li tkun rimborsata taghhom minn TGS.

"Imbaghad, f'Dicembru tas-sena 2000, Polidano Brothers kellha ukoll thallas il-biljetti ta' l-ajru ta' dawn l-erba' haddiema ghat-tieni darba (Dok BF 10).

"B'hekk, Polidano Brothers hargu s-segwenti spejjez:

"1. Pagi ta' xahrejn u cioe` Lm2,220 (Dok BF 2 sa BF 5).

"2. Kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali li ammontaw ghal Lm816.

"3. Biljetti ta' l-ajru li ammontaw ghal Lm878 (Dok BF 10).

"Dawn barra mill-pagi tal-haddiema zejda li kellhom jitqabbdu minn Polidano Brothers sabiex jaghmlu x-xoghol ta' l-erba' haddiema li ma kienux qed jahdmu kif suppost. Il-pagi li thallsu kienu jammontaw ghal Lm6,756 (Dok BF 11).

"Iddikjara li hu qatt ma rceva z-zewg statements li gew ipprezentati mil-Kumpanija attrici, rahom l-ewwel darba waqt il-kawza u huma mhawdin ghall-ahhar.

"Xehed in kontro-ezami[6] u qal li l-kumpanija konvenuta kienet l-employer tal-haddiema barranin. Il-paga kienet tithallas mill-kumpanija attrici. Dan kien jghodd sakemm jiskadi l-kuntratt. Qal ukoll li r-responsabbilta' ta' dawn il-haddiema ma' l-Awtoritajiet kienet fuqu personalment, fuq il-kumpanija konvenuta. Ipprezenta prospett, Dok BF7 fir- rigward il-hinijiet tax-xoghol u zminijiet li fihom kienu jahdmu l-erba' mpjegati. L-impjegati huma dawk l-erbgha li isimhom hu mdawwar b'cirku fid-dokument li gie esebit.

[6] Seduti tal-25 ta' Novembru 2004, tat-8 ta' Gunju 2005 u tat-22 ta' Novembru 2011.

"Il-kumpanija konvenuta, ghall-fini ta' precizzjoni, tat ingagg mill-gdid u dirett lil dawn l-erba' impjegati b'effett minn Frar 2001. Dawn l-impjegati ghadhom, sal-gurnata li xehed, jidhru bhala impjegati fuq il-kotba tal-kumpanija konvenuta.

"Xehed Carmel sive Charles Polidano[7], Direttur tal-Kumpanija konvenuta li kkonferma l-ftehim tat-3 ta' Frar 2000. Il-kumpanija kienet dahlet f'dan il-ftehim peress li kienet inghatat appalt u kellha bzonn tip ta' haddiema partikolari u cioe` shutterers u steel fixers li ma kienux Maltin.

"Minkejja l-fatt li l-ftehim kien ghal hatra ta' sitt persuni, l-Kumpanija attrici baghtet biss erba' persuni. Il-kumpanija attrici kienet ukoll tibghat xi persuni minnhom sabiex jahdmu fl-antijiet tax-xoghol ohra. Il-Kumpanija tieghu kienet hallset sabiex dawn il-haddiema jigu Malta.

"Minhabba li kienu barranin u kif ukoll li ma kienux disponibbli fuq il-lant tax-xoghol fil-hinijiet kollha, kellu jqabbad xi tmien/ghaxar haddiema Maltin biex jaghmlu dan ix-xoghol ukoll.

"Il-Kumpanija tieghu hallset ukoll ghall-akkomodazzjoni tal-barranin kemm damu Malta. Dawn il-haddiema kienu qalulu li l-hlas taghhom kien inferjuri ghall-hlas ta' barranin ohra u hu kien qalilhom li din kellhom jarawha mal-kumpanija attrici. Il-ftehim gie ffirmat minnu, u l-implimentazzjoni tieghu kien f'idejn il-Perit Vincent Saydon.

"Xehed ukoll in kontro-ezami u qal li fl-10 ta' Marzu gew tnejn mill-barranin, fl-20 ta' Marzu gew tlieta u fit-22 ta' Mejju wasal l-ahhar wiehed. B'hekk sa Mejju kienu gew Malta sitt haddiema barranin, izda hu dejjem hallas ghal erbgha.

"Rega' xehed in kontro-ezami fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2004[8].

"Qabel li fl-ewwel fattura li harget TGS, wara li l-haddiema kienu gew Malta, huma kienu naqsu l-ispejjez illi huma kienu nefqu sabiex il-haddiema ngiebu Malta.

"Gie mistoqsi meta kien li l-kumpanija attrici baghtet lil barranin biex jahdmu fuq il-progett ta' Skanska, rrisponda li dan kien waqt li l-kumpanija taghhom kienet bix-shutdown. F'xi perjodi ohra, fil-ghaxija l-kumpanija attrici kienet tiehu l-haddiema biex jahdmu band'ohra.

"Il-barranin ma kienux qalulu fejn kienu qed jintbaghtu jahdmu mill-kumpanija attrici. Kienu ghajjenin, imhallsin inqas u gieli anke hargu flus biex jaghmlu tajjeb ghal dak in-nuqqas.

[7] Seduta tas-16 ta' Ottubru 2003 a fol 79 tal-process.
[8] Fol 117 tal-process.

"Hu kien kuntent bix-xoghol ta' dawn il-haddiema barranin, sakemm bdew juru demotivazzjoni minhabba kundizzjonijiet differenti minn shabhom u ghejja minhabba li kienu qed jahdmu band'ohra.

"Huwa qabel li l-kumpanija tieghu ma kellhiex tindahal fir-rigward il-paga tal-haddiema, izda ma kellhomx ghazla ohra hlief li johorgu l-flus huma ghall-haddiema, sabiex ikun jista' jkompli x-xoghol, minhabba l-ezigenzi taz-zmien fit-twettiq tal-progett.

"Hu kien ta struzzjonijiet sabiex jigi terminat il-kuntratt, minhabba l-problemi kollha li nqalghu. Fil-fatt hekk sar u kien ghal din ir-raguni li waqfu l-pagamenti. Hu kien informa lil Anthony Sammut (ghal kumpanija attrici) personalment permezz ta' telefonata, li kienu qed itemmu l-kuntratt. Dan kien f'Novembru/ Dicembru tas-sena 2000.

"Huma qed joggezzjonaw li jhallsu l-ammont mitlub mill-kumpannija attrici fic-citazzjoni peress li jsostnu li sakemm kien ghadu ghaddej il-kuntratt huma hallsu kollox. Fir-rigward il-hlasijiet li saru f'Jannar 2001, irrisponda li dawk kienu hlasijiet akkont tal-bilanc li kien ghadu dovut qabel ma ntemm il-kuntratt. Ma baqax xi bilanc xi thallas lill-kumpanija attrici "*ghaliex kieku dawn hallasnihom*."

"Xehed il-Perit Vincent Saydon[9], Perit u Project Manager mal-kumpanija konvenuta u kkonferma li ghall-habta ta' Marzu tas-sena 2000, il-Kumpanija taghhom kienet inkarigata b'xoghol fil-progett tal-bini ta' l-Intercontinental Hotel u l-kumpanija TGS Company Limited kienet ipprovdiet xi impjegati barranin.

"Minn Awwissu tas-sena 2000 l-haddiema bdew jilmentaw fir-rigward il-paga taghhom. L-impjegati barranin li baghtet il-kumpanija attrici kienu specjalizzati f'xoghol ta' concrete. Ikkonferma li l-haddiema stess kienu qalulu li meta Polidano Brothers kienu bix-shut-down f' Awwissu tas-sena 2000, kienu ttiehdu jahdmu f'progett iehor.

"F' Dicembru 2000, l-haddiema qalulu ukoll li ma kienux qed jiehdu paga mill-kumpanija attrici. Jaf li l-barranin kienu baqghu fuq il-lant tax-xoghol sakemm intemm il-progett li kien, bejn wiehed u iehor fis-sena 2002.

"Kienu biss zewg impjegati li ma kienux tal-galbu u talbu sabiex jigu rtirati. Kienu hadmu biss ghal xi gimghat ghaliex mill-ewwel intebhu li ma kienux kapaci ghax-xoghol rikjest. B' hekk kien hemm erba' barranin jahdmu.

"Xehed Charlo Farrugia, *Human Resources Manager* mal-kumpanija konvenuta li qal li perjodikament kienu jmorru ghandu t-time-sheets ghall-verifika tieghu.

[9] Fol 104 tal-process.

"B'referenza ghad-dokument li jinsab a fol. 58 tal-process iddikjara li dik id-dikjarazzjoni, li saret fis-26 ta' Dicembru 2000, kienet saret quddiemu mill-erba' impjegati.

"L-erba' impjegati kienu wkoll infurmawh li minn Ottubru 2000 ma kienux qed jithallsu min-naha tal-kumpanija attrici.

"Id-dokument li jinsab ezebit a fol. 67 tal-process hija fattura ta' l-ispejjez li ghamlet il-kumpanija tieghu biex tirrimpatrija lill-erba' impjegati.

"Xehed in kontro-ezami[10] fejn cahad li kien sar diskors fis-sens illi kien hemm xi arrangament bejn il-kumpanija Polidano Brothers Ltd., u l-kumpanija attrici li matul ix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2000, il-haddiema li ma kienux se jintuzaw fix-xoghol tal-kumpanija tieghu, kienu se jintbaghtu jaghmlu xoghol fuq konsorzjum iehor.

"KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

"Il-Qorti ser tenunzja xi principji legali applikabbli li f"materja kontrattwali jaghmel li l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; ara "Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe" (A.K. deciza fis-16 ta' Lulju 1973);

"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. ("*Pacta sunt servanda*.") ("Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines" - App.Civ. deciza fil-5 ta' Ottubru 1998).

"L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinsiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom (pacta sunt servanda), u l-ebda Qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan dment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu illum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa f'Kap. 16 trid tiġi nterpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt jiġifieri li l-kuntratti jiġu esegwiti in bona fede[11]. Kwindi huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu ridimensjonati jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali ta' l-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-socjeta` u l-loġika ġuridika.

"Fil-kawza Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et. (Qorti Appell moghti fis-sena 2011), il-Qorti kkwotat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn qalet li:

> "*…il-prinċipju jibqa' l-istess, cioe` dak tal-liberta' kuntrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-liberta' m'għandhomx jiġu estiżi lil hemm*

[10] Fol.195 tal-process.
[11]Artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta.

*mil-limiti tal-liġi li tistabilixxi l-eċċezzjoni ... il-Kodiċi Ċivili li jagħti lill-kuntratti magħmulin skont il-liġi is-saħħa tal-liġi stess, li hija l-aqwa liġi, cioe` l-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet mgħarufin mil-liġi.*"

"Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.

"Fil-materja ta' l-interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni (Ara s-entenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali.

"Huwa meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, li ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "*din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien*" ("J. Bartolo et v. A. Petroni deciza 7 ta' Ottubru 1997").

"Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "*hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot* (J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997)."

"<u>APPLIKAZZJONI GHALL-PROVI U FATTISPECIE TAL-KAZ</u>

"Hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*". ("Eucaristico Zammit –vs– Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "Paul Vassallo –vs–Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).

"Qabel ma tindirizza it-talbiet rispettivi tal-partijiet, ikun utili li jsiru certu kostatazzjonijiet rigward il-ftehim li kien jivvinkola l-partijiet. Dan sar permezz ta' skrittura privata fit-3 ta' Frar 2000.

"Skont dan il-ftehim, is-socjeta` TGS Company Limited ("the Contractor") kellha tipprovdi mano d'opera senjatament "6 skilled shutterers/carpenters for the works to be done by the employer " (Polidano Bros) ; (klawzola 2.1).

"Klawzoli rilevanti huma s-segwenti:

> "" 1.15 *The Contractor shall make his own arrangements for the engagement of all labour and for their payment*."
>
> ""2.2. *Quality control is to be ensured by the Employer*";
>
> ""2.9. *Contract shall commence from 1st March 2000.Contract period shall be of one year.*";
>
> ""2.10. *Even though work permits shall be obtained on the Employer's name, the Employer will at no point before, during* <u>*and after*</u> *(sottolinear tal-Qorti) contract period seek to make personal arrangements with any employee or employees. If the Employer, in spite of the Contract conditions, makes such arrangements Contract shall be terminated and Contractor paid by the Employer according to Clause 1.21. If the Employer makes personal arrangement with any labourers subject to this Contract, after the Contract period expires, Contractor shall be paid the Lump Sum LM1000 per person to cover his Agency expenses. Under no circumstances Employer has right to interfere in relations between Contractor and his Employees. The Contractor has the right to dismiss or departure any of workers on his own discretion in such case providing the adequate replacement....*".

"Ikkonsidrat li hu sinifikattiv li ebda wiehed mill-partijiet ma talab ir-rexxissjoni tal-ftehim matul il-perjodu kuntrattwali. Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, lanqas ressqet ilment anke informalment b'email, fax jew ittra, fejn irregistrat xi ilment jew lanjanza rigward il-haddiema, il-hlas tal-pagi taghhom, jew spejjez li tghid li kellha tirrikorri fihom. Dan in-nuqqas lanqas isib xi forma ta' korroborazzjoni jew konfort f'xhieda cara u konsistenti li tista' issostni allegazzjoni tant serja bhal ksur ta' kuntratt *multo magis* meta l-iskrittura in kwistjoni hija dettaljattissima u tkopri kull aspett tal-ftehim, inkluz proprju, id-dritt tas-socjeta` konvenuta li ttemm il-kuntratt u tizvinkola ruhha mill-effetti tieghu.

"Dan is-socjeta` konvenuta m'ghamlitux b'konsegwenza li jibqghu effettivi il-kondizzjonijiet kollha tal-ftehim.

"IT-TALBIET ATTRICI

"Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tal-ammont ta' Lm10,259.03 kwantu ghall:-

"Lm5590.12 - Bilanc fuq invoices ghas-servizzi provduti mit- TGS u li baqghu ma thallsux.

"Lm4,000 - kwantu ghal Lm1,000 ghal kull impjegat li tghid li s-socjeta` konvenuta ingaggat bi ksur tal-klawsola 2.10 tal-iskrittura Dok.A.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici ikkorregiet din is-somma u talbet Lm8590.12 bhala bilanc, peress li l-ewwel ammont citat ma kienx jinkludi l-ammont dovut lil TGS sa' l-ahhar tal-perjodu kontrattwali.

"Rigward il-pagamenti dovuti, dawn huma regolati b'klawzoli ohra tal-ftehim cioe`, il-klawzola 1.17 li jirrikjedi l-uzu ta' punch cards, 1.18 li jirregola il-mod kif is-socjeta` konvenuta tkun avzata bl-ammonti mitluba, u il-klawzola 2.8 dwar pagamenti. Minn dawn il-klawzoli jirrizulta li TGS kellhom jibghatu certifikat fi tlett kopji ghall-ammonti dovuti kull xahar b'lura, u li s-socjeta` konvenuta kellha thallas fi zmien 7 ijiem milli tircievi tali certifikat bl-imghax ta 7% fuq arretrati mhux imhallsa. Wiehed jistenna li s-socjeta` konvenuta kienet titlob korrezzjoni, jekk l-ammonti kienu zbaljati, f'waqtu qabel ma jibdew jiddekorru l-imghaxijiet miftehma.

"Ma jirrizultax li l-ammonti huma ikkontestati *per se*. Anzi Charles Polidano xehed li fil-fehma tieghu, kollox kien imhallas u ma semma xejn dwar il-korrettezza *o meno* tal-komputazzjonijiet tas-socjeta` attrici. Boris Farrugia l-ewwel xehed "*Jiena naqbel li l-invoices illi ntbaghtu mill-kumpanija attrici kienu gew approvati*[12]. Izda biddel il-verzjoni u f'seduta sussegwenti xehed "*Jien nista' niddikjara li ltqajt ma' Anthony Sammut ... fejn ghidtlu illi ma konniex qed naqblu fuq l-imsemmija fatturi*." Dan xehedu fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2005, sena wara. Il-fatt ta' din il-laqgha giet michuda bil-qawwa minn Anthony Sammut. Id-difensur tal-atturi jirrileva li skont l-istess xhieda in kontro ezami ta' Boris Farrugia moghtija fid-9 ta' Frar 2007 qal li ltaqa' l-ewwel darba ma Anthony Sammut f'Dicembru 2000, u allura wiehed jistenna li kieku kellu ilment, kien jressqu waqt li kien ghadu ghaddej il-perjodu tal-kuntratt u mhux qabel. Difatti fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li Charlo Farrugia, Human Resources Manager tad-ditta konvenuta attesta li kien jivverifika t-time sheets perjodikament u jghaddihom ghall-pagament.

"Fl-assenza ta' prova li intalab xi revizjoni tal-kontijiet mibghuta, il-Qorti ghandha tikkonkludi li dawn il-komputazzjonijiet kienu korretti.

"Mhux talli ma kienx hemm talbiet ghar-revizjoni, imma jirrizulta li baqghu jsiru hlasijiet akkont biex is-somma bilancjali tnaqqset (Vide Dok. B. anness mac-citazzjoni a fol. 17 tal-process). Dan juri pagamenti ta' Lm1,000 il-wiehed regolarment tul Ottubru, ftit f'Novembru, tul Dicembru 2000 u baqghu ghaddejjin sal-31 ta' Jannar 2001. Li kieku kien hemm xi problema dwar l-ammont mitlub, wiehed jippretendi li dan kien jigi ccarat izda minnflok il-pagamenti baqghu ghaddejjin *come se nulla fosse*.

"Charles Polidano xehed li kien ta struzzjonijiet biex il-kuntratt jigi tterminat u li kien ghal dan ir-ragun illi ma baqghux ihallsu[13] (minnkejja li l-istatements

[12] Xhieda moghtija fil-25 ta' Novembru 2004
[13] Ara Xhieda Charles Polidano fl-20 ta' Mejju 2004 pagna 8.

juru li l-hlasijiet akkont tkomplew). Dan jikkontradixxi x-xhieda tieghu li skont hu hallas kollox[14].

“Madanakollu jirrizulta li l-ammont mitlub fil-kawzali tac-citazzjoni u fit-talbiet mhuwiex dak li jirrizulta min-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici[15]. Dan in-nuqqas hu spjegat ghaliex fl-ewwel statement anness mac-citazzjoni thalliet barra il-fattura ghax-xahar ta’ Dicembru 2000.

“Dwar dan il-punt, kif gustament jissottometti d-difensur tas-socjeta` konvenuta, korrezzjonijiet f'att gudizzjarju jistghu isiru ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jitlob li ssir talba ghal dan il-ghan. Skont kif gie ribadit fil-kawza "Frendo v Mallia" - deciza fit-18 ta’ Mejju 1982 u citat fis-sentenza fl-ismijiet "Lawrence Victor sive Lorvic Xuereb et. vs Anthony sive Tonio Vella Bonello et." - deciza fit-12 ta’ Dicembru 2002, "*Kif inhu risaput fil-kaz ta’ kawzi quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qorti ghandha toqghod ghall-kawzalitajiet kif dedotti fic-citazzjoni, li ma jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, u t-talba jew talbiet ma jistghux jigu milqugha fuq kawzali jew kawzalitajiet differenti minn dawk dedotti fic-citazzjoni.*"

“Talba Ghall-Hlas ta’ Lm4000

“Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta’ Lm4,000 (Lm1,000 ghal kull haddiem li gie impjegat mis-socjeta` konvenuta) u dan bl-applikazzjoni tal-klawzola 2.10 tal-iskrittura.

“Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta impjegat lill-erba’ haddiema <u>wara li ntemm il-perjodu tal-ftehim</u>. Dan hu ammess mill-istess socjeta` konvenuta[16] li tghid li Polidano Bros stennew sakemm intemm il-kuntratt biex jimpjegaw il-haddiema direttament maghhom. Charlo Farrugia qal ukoll li f'Dicembru 2000 bdew jezaminaw il-kuntratti biex jaraw jekk setghux jimpjegaw il-haddiema tat-TGS skont il-kuntratti li kellhom mat-TGS, b'turija li s-socjeta` konvenuta kienu jafu li kienu ghadhom vinkolati bil-kuntratt in kwistjoni.

“Il-ftehim enunzjat bil-klawzola 2.10 hu car u inekwivoku u b'hekk ma jippermettix interpretazzjonijiet ghajr dik li tohrog minn qari tal-kliem testwali.

“Il-Qorti ser terga' tirriproduci din il-klawsola ghar-riferenza facli:

> "*Even though work permits shall be obtained on the Employer's name, the Employer will <u>at no point before, during and after</u> (sottolinear tal-Qorti) contract period seek to make personal arrangements with any employee or employees. If the Employer, in spite of the Contract conditions, makes such arrangements Contract shall be terminated and Contractor paid by the Employer according to Clause 1.21. <u>If the Employer makes personal arrangement with any labourers subject to this Contract, after the Contract period expires, Contractor shall be paid the Lump Sum LM1000 per person to cover his Agency expenses</u>. Under no circumstances Employer has right to interfere in relations between Contractor and his Employees. The Contractor*

[14] Ara Xhieda 20 ta’ Mejju 2004 pagna 9.
[15] Fol 269 et seq. tal-process.
[16] Xhieda Charlo Farrugia fit-20 ta’ Gunju 2006 pagna 2.

*has the right to dismiss or departure any of workers on his own discretion in such case providing the adequate replacement...."*

“Fid-dawl ta’ din il-klawzola, tirrizulta gustifikata t-talba attrici ghall-hlas ta ' Lm4000 ghall-erba' impjegati imsemmijin fl-atti.

“Rigward il-hlas tal-pagi taghhom qabel ma ntemm il-perjodu kontrattwali, is-socjeta` konvenuta tghid li kellha thallsilhom il-pagi wara li s-socjeta` TGS waqqfet milli thallashom peress li kellhom kwistjoni li nqalghet ma' dawn l-impjegati. Skont Boris Farrugia[17] l-fatt li Polidano Bros. hallsulhom il-pagi ma kienx ifisser li impjegathom fiz-zmien li kien ghadu ghaddej il-ftehim.

“Madanakollu il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` attrici ippruvat li s-socjeta` konvenuta impjegat lill-erba’ haddiema bi ksur tal-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha, u dan <u>wara</u> li intemm il-perjodu kontrattwali.

“Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' it-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ Lm10,259.03 kif dedotti fil-kawzali u fit-talbiet tac-citazzjoni odjerna

“Talbiet Rikonvenzjonali

“It-talbiet rikonvenzjonali ghar-rifuzjoni ta’ spejjez u danni tas-socjeta` konvenuta huma pernjati fuq allegazzjoni ta’ ksur da parti ta’ TGS tal-obbligazzjonijiet kontrattwali konsistenti filli:

“- Kienet tibghat il-haddiema fuq progetti ta’ terzi waqt il-perjodu ta’ shutdown ta’ Polidano Bros. f'Awwissu 2000.

“- Kienet tibghat il-haddiema fil-perjodu kontrattwali biex jahdmu ma' terzi wara li jispiccaw mil-lant tax-xoghol taghhom ma' Polidano Bros. tant li kienu jigu ghajjenin u
il-produttivita ' taghhom naqqset.

“- Nuqqas li thallsilhom il-pagi b'konsegwenzi negattivi fuq il-prestazzjonijiet u produttivita’ tal-istess haddiema.

“Iz-zewg kontendenti jakkuzaw lil xulxin ta’ ksur tal-obbligi kontrattwali. Is-socjeta` TGS tghid li Polidano Bros. ma misshom qatt indahhlu fir-relazzjonijiet taghha mal-impjegati u li l-istess haddiema laghbuhom biex jottjenu kondizzjonijiet ta’ paga iktar favorevoli (asserzjoni li giet koncessa minn Charles Polidano). Difatti l-artikolu 2.10 succitat hu car dwar dan il-punt u hija s-socjeta` attrici li ghandha d-dritt "*to hire or fire*" <u>filwaqt li kull indhil da parti tas-socjeta` konvenuta hu tassattivament vjetat</u>.

“Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, issostni li kienet marbuta ma' terzi ghall-konkluzjoni tal-progett u in-nuqqas tas-socjeta` TGS li tirrisolvi kwistjonijiet mal-haddiema li pprovdiet holqu problemi fil-produttivita’ u

[17] Xhieda a fol. 54 tal-process.

setghu jipperikolaw it-tlestija tal-progett f'waqtu b'hsara konsegwenzjali ghall-istess socjeta' konvenuta.

"L-apprezzament tal-posizzjoni rispettiva u kontrastanti tal-partijiet jirrisolvi ruhu f' kwistjoni ta' provi.

"Charles Polidano xehed li sar jaf bl-allegati problemi mal-haddiema provduti mis-socjeta` attrici f'Dicembru 2000[18] izda jghid ukoll li "*Jien bdejt noggezzjona f'Awwissu 2000*"[19]. Dan imbaghad hu kontradett minnu stess u mill-human resources manager li jghid li saru jafu bl-allegati problemi f'Dicembru 2000. Anthony Sammut cahad dan kollu bil-qawwa u ma tirrizulta ebda prova cara li s-socjeta` konvenuta saret taf li kien hemm xi problemi mal-haddiema qabel li ntemm il-perjodu kontrattwali.

"Anthony Sammut jghid li sar bl-ilmenti biss meta ircieva l-kontro-talba, u li fid-diversi laqghat u komunikazzjonijiet li kellu ma Charles Polidano u rapprezentanti ohra mal-kumpanija konvenuta qatt ma lmentaw mieghu. Boris Farrugia xehed li l-ewwel laqgha li kellu ma Sammut kien f'Dicembru 2000 u li ltaqa' mieghu "*wara li skoprew li l-haddiema kienu qed jahdmu fuq lant tal-Iskanska – Dan kien ghalhekk wara li gie itterminat il-kuntratt*.[20]

"Anke fuq dan il-punt daqstant essenzjali, l-istess socjeta` konvenuta, li hija kumpanija organizzata f'kull livell, ma ressqitx l-icken prova, imqarr ittra jew email b'turija li kellha lmenti tant serji li kellhom jigu komunikati mal-kontraent l-iehor, anke biex dan ikun jista' jirregola ruhu, jekk mhux biex tiskatta procedura ta' rexxissjoni.

"Il-Perit Saydon, fix-xhieda tieghu, a fol 105 tal-process, jixhed ftit dawl meta xehed li kien jaf li l-impjegati kellhom konflitt mat-TGS. Isostni wkoll li Anthony Sammut kien prezenti f'laqghat li saru fuq il-lant tax-xoghol u kien sahansitra qal li ser jissostitwixxi lill-erba haddiema. Izda kien Saydon stess li ma kienx kuntent peress li kienu draw il-haddiema u dawn, da parti taghhom, kienu draw is-sistema ta' xoghol fuq il-progett. B'hekk gharraf lill-Charles Polidano b'dak li kien qed jigri. Hu xehed li l-progett intemm fis-sena 2002 u li dawn il-haddiema, li kienu specjalizzati fix-xoghol tal-*concrete*, baghqu jahdmu ma' Polidano Bros sakemm intemm il-progett. Minn dan jirrizulta li l-partijiet accettaw is-sitwazzjoni u kienu kuntenti ihallu l-affarijiet ikomplu kif kienu.

"Relattivament ghall-uzu tal-haddiema fil-gimgha tax-s*hutdown*, il-Qorti hija tal-fehma li dan ma kkaguna ebda dannu lis-socjeta` konvenuta. Difatti TGS lanqas ippretendew hlas ghal dawn il-granet u peress li s-socjeta` konvenuta ma kienetx qed tahdem f'dan il-perjodu, ma setghet tbaghti ebda konsegwenza negattiva.

"Izda s-socjeta` konvenuta allegat li TGS kienet tiehu lil haddiema, mhux biss fiz-zmien tax-shutdown, biex jahdmu fuq progetti ohra u b'hekk kienu

[18] Xhieda moghtija fil-14 ta' Frar 2006-pagna 3.
[19] Xhieda moghtija fl-20 ta' Mejju 2004 pagna - 10
[20] Xhieda moghtija fil-25 ta' Novembru 2004-pg 4.

jigu filghodu gja ghajjenin. Fuq dan il-punt ma tressqet ebda prova. Anzi il-Perit Saydon ikkonferma li kien kuntent b'dawn il-haddiema u qatt ma taw prestazzjoni hazina. Din il-konsiderazzjoni hija rilevanti ghat-talba ghad-danni imressqa mis-socjeta` konvenuta li ser tigi trattata iktar ‘il quddiem.

“Ikkonsidrat li ma jirrizultax li kienet is-socjeta` attrici li kissret il-kondizzjonijiet tal-iskrittura privata bejn il-partijiet. L-uzu tal-haddiema fix-shutdown tas-socjeta` konvenuta strettament mhuwiex gustifikabbli bil-kuntratt izda ma kien hemm ebda ilment mis-socjeta` konvenuta dwar dan u ebda hsara sofferta. Jekk wiehed jaghti interpretazzjoni ragjonevoli lill-kondizzjoni tal-kuntratt, ghandu jasal biex jaccetta li id-divjet li l-haddiema jintuzaw fuq xoghol ta’ terzi kien intiz biex jassigura li l-progett tas-socjeta’ konvenuta ikompli minghajr tfixxkil meta l-lant tax-xoghol ikun miftuh mhux wieqaf ghall btala. Inoltre lanqas mhu ppruvat li TGS kienet qed tiehu lill-haddiema fuq postijiet ohra. Dawn il-haddiema ma tressqux xhieda u lanqas ghamlu affidavit. Kull riferenza li hemm ghalihom huwa permezz ta’ xhieda tan-natura ta’ detto del detto jew b'stqarrija qasira, miktuba bil-lingwa Ingiza, mhux awtentikata u minghajr il-verifika dovuta jekk l-impjegati, li kienu ta’ nazzjonalita’ barranija, sahansitra fehmu l-kontenut taghha. TGS kienet pjenament fid-drittijiet taghha li twaqqaf il-hlas tal-pagi fis-sens li din il-materja kienet regolata biss bir-relazzjonijiet kontrattwali bejnha u l-istess impjegati. Kien ikun altru jekk permezz ta’ din l-azzjoni, holqot problemi fil-progett tas-socjeta` konvenuta. Ma jirrizultax li minnhabba f'hekk dawn il-haddiema telqu mix-xoghol jew li l-kuntratt taghhom gie terminat. Lanqas jirrizulta ippruvat kif gja ikkonsidrat din il-Qorti, li l-prestazzjoni taghhom naqqset[21]. *Inoltre*, kif gja gie ikkonstatat, in-nuqqas da parti tas-socjeta’ konvenuta li tirregistra b'mod konkret, l-objezzjoni taghha, jew titlob li l-kuntratt jintemm, jwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li fil-fatt, ma vverifikawx il-problemi allegati u li issollevathom biss meta giet rinfaccjata bil-proceduri odjerna. Ghalhekk it-tezi li s-socjeta’ TGS kissret l-obbligu kontrattwali taghha mhiex sostnuta.

“L-Ewwel Talba Rikonvenzjonali - Lm3810 konsistenti f'diversi spejjez

“i. Lm2220: Din is-somma tirraprezenta il-pagi tal-erba’ haddiema li thallsu mis-socjeta` konvenuta lil erba’ haddiema. Is-socjeta` attrici tilqa' ghal din it-talba billi ticcita l-klawsoli tal-kuntratt li jaddebita lill-istess socjeta` attrici bl-obbligu esklussiv li thallas lill-impjegati taghha u d-divjet ta’ ebda indhil fir-relazzjonijiet taghha mal-impjegati.

“Dwar din it-talba, Boris Farrugia xehed[22] "*Lejn Ottubru 2000, TGS waqqfet milli taghti l-paga dovuta lilhom (ikkonfermat minn Charlo Farrugia[23]) u ovvjament dawn gew jghidu lilna fuq dan il-fatt. F'sitwazzjoni bhal din dawn l-erba’ haddiema ftit li xejn bdew jikkontribwixxu xoghol ghax kienu qeghdin bin-nuqqas ta’ paga taghhom l-incertezza tal-kondizzjonijet taghhom u ghaliex ma kienux jafu fejn qeghdin ... bil-kemm kellhom biex jghixu*. "

---

[21] Ara xhiedha tal-Perit Saydon fuq citat.
[22] Xhieda a fol. 54 tal-process.
[23] Xhieda moghtija fil-25 ta' Novembru 2005

"Indubbjament il-hlas tal-pagi kien att ta' indhil fir-relazzjonijiet bejn TGS u l-impjegati taghha. Ma kien hemm ebda relazzjoni diretta bejn Polidano Bros u dawn l-impjegati *multo magis* meta Boris Farrugia sahaq li billi hallsu l-pagi ma kienux b'hekk qed jimpjegawhom direttament. Is-socjeta` TGS imkien ma tichad li l-pagi hallset hi l-pagi tal-impjegati taghha. Setghet kellha ragunijiet gustifikabbli ghal din l-azzjoni izda jirrizulta bhala fatt, almenu pruvat a soddisfazzjon ta' din il-Qorti, li l-pagi baqghu ma thallsux u s-socjeta` konvenuta giet rinfaccjata b'sitwazzjoni ta' *disgruntled jew demotivated employees*. X'kienu r-ragunijiet tas-socjeta` TGS, zgur li ma kellha ebda dritt li tipperikola l-andament seren tal-progett tas-socjeta` konvenuta u jekk kellha inkwiet ma' dawn l-impjegati kellha tirrimedja minghajr dawmien - haga li ma jirrizultax li ghamlet. Li thalli lill-impjegati jahdmu bla paga zgur mhiex soluzzjoni.

"Fic-cirkostanzi, is-socjeta` konvenuta sabet ruhha fin-necessita` li tagixxi hi stess, in bona fede w rrimedjat billi hallset il-pagi tal-impjegati. Huwa minnu li l-ittra mibghuta mill-Ministeru tal-Politika Socjali f'Settembru 2001 jixhet dubju dwar jekk sarux dawn il-hlasijiet, izda fl-assenza ta' prova mis-socjeta` TGS li, bhala employer hallset lil dawn l-impjegati waqt il-kors tax-xoghol taghhom fil-perjodu kontrattwali, wiehed jista' jiddesumi ragjonevolment li dawn il-pagi thallsu mis-socjeta` konvenuta ghalhiex baqghu jattendu ghax-xoghol. Inoltre s-socjeta` konvenuta esebit rcevuti minn kull impjegat esebiti a fol 59 sa' 62 tal-process. B'hekk is-socjeta` attrici ibbenefikat indirettament.

"Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' din it-talba rikonvenzjonali.

> "ii. Lm878.40: Din is-somma tirraprezenta spiza ta' biljetti tal-ajru ghall-haddiema fil-festi tal-Milied biex izuru lill-familjari taghhom u jirritornaw f'Malta. (DOK BF10) is-socjeta` attrici topponi ghal din it-talba peress li din in-nefqa ma kenitx awtorizzata minnha u, inoltre, gie esebit invoice biss u mhux ircevuta. Fl-assenza ta' prova ta' hlas, li setghet issir facilment, din il-Qorti ma tistax takkolji talba ghall-kumpens ghal din is-somma.
>
> "iii. Kumpens ghas-sigurta' socjali ghall-erba' haddiema: Dwar din it-talba jirrizulta kontradizzjoni fix-xhieda ta' Boris Farrugia li fl-ahhar xehed li l-pagament ma sarx[24] u kien ghalhekk li ma kellux kopji tal-ircevuti relattivi. Anke fir-rigward ta' din it-talba ghalhekk, is-socjeta`konvenuta ma ressqitx provi in sostenn tat-tezi taghha ta' hlas u ma tistax tigi akkolta.
>
> "iv. Akkomodazzjoni u Spejjez ulterjuri: Is-socjeta` konvenuta talbet rimbors ta' spejjez ta' akkomodazzjoni li ipprovdiet lill-impjegati sakemm telqu lejn pajjizhom fil-Milied tas-sena 2000. Tallega li peress li s-socjeta` attrici zammet il-passaporti taghhom (li kellhom jingiebu bl-intervent tal-Pulizija) dawn il-haddiema gew mizmumin Malta u kellha takkomodahom hi stess. Dwar dan il-punt ma jirrizultax ippruvat a

[24] Xhieda moghtija fit-22 ta' Novembru 2004, pagna 4.

soddisfazzjon tal-Qorti li dawn il-haddiema baqghu Malta ghaliex inzammu l-passaporti taghhom. Anzi il-provi juru li baqghu Malta ghaliex gew impjegati mis-socjeta` konvenuta li kienet gja bdiet tevalwa jekk setghetx timpjegahom jew le. Is-socjeta' konvenuta kienet taf li ma kellhiex x'taqsam mar-relazzjonijiet bejn l-impjegati u s-socjeta' TGS u ma messitx indahhlet bejniethom. Jekk provvdiet akkomodazzjoni, dan ghamlitu minghajr delega jew awtorizzazzjoni tal-TGS u wara li skada it-terminu kontrattwali. Kontrarjament ghal kwistjoni tal-pagi, li kienu dovuti fil-perjodu kontrattwali, il-provvista tal-akkomodazzjoni sehh wara li skada il-kuntratt u jekk is-socjeta' konvenuta ghazlet li toffri dan is-servizz, dan ghamlitu a pjena responsabbilita' taghha stess. B'hekk din it-talba ma tistax tigi akkolta.

"Danni kkawzati lis-socjeta` konvenuta

"Is-socjeta` konvenuta tippretendi il-hlas tad-danni kkagunati minhabba ksur tal-patti kontrattwali kommessi mis-socjeta` attrici meta allegatament baqghet tiehu lill-impjegati fuq lanti tax-xoghol ohra b'mod li kienu naqqsu fil-produttivita' taghhom minnhabba ghejja u demotivazzjoni.

"Jirrizulta proprju l-oppost mix-xhieda tal-Perit Arkitett Vincent Saydon[25], xhud imressaq mis-socjeta` konvenuta, li stqarr li "*Minnbarra problemi li diga xehedt fuqhom li kellhom dawk l-impjegati minnhabba l-hlas tal-paga taghhom ma kienx hemm problemi ohra, pero` kienu jidhru distratti jew inkwetati. Madanakollu nghid li bhala kumpanija ahna konna kuntenti bix-xoghol taghhom u s-suggeriment tieghi kien li dawk il-haddiema ma kellniex nitifluhom ... kont kuntent. Il-prestazzjoni ta' dawn il-haddiema barranin kien jiddependi mill-fazijiet tal-progett.*" Xehed ukoll li "il-*hinijiet tax-xoghol li kienu jahdmu fil-progett - gieli jispiccaw fl-4.30 gieli iktar tard u jibdew fis-sebgha -aparti l-kaz li jien kont semmejt fejn il-haddiema barranin kienu jahdmu fuq progett iehor (ta' zmien ix-shutdown) nista' nghid li fiz-zminijiet orhajn hadmu esklussivament fuq il-progett li kellha l-kumpanija Polidano Brothers Ltd.*" (sottolinear tal-Qorti).

"Dan kien xhud materjali imressaq mis-socjeta` konvenuta u jirrizulta ampjament li l-prestazzjoni tal-haddiema provvduti kienet tissodisfa d-dettami tal-kuntratt bejn il-partijiet.

"Minghajr prova ammissibbli ta xi allegat ksur, f'aspett sostantiv tal-kuntratt, it-talba tas-socjeta' konvenuta ma tistax tirnexxi.

"Huwa minnu li s-socjeta` konvenuta ressqet bi prova dokument a fol 68 tal-process (DOK BF11) li hu lista ta' impjegati ingaggjati minnha b'sostituzzjoni jew biex jikkumplimentaw lill-haddiema provvduti. Polidano Bros. jghid li tmienja minnhom gew assenjati ghal xoghol li kellu jinhadem mill-erba' impjegati tat-TGS ghal 14-il gimgha.

[25] Xhieda a fol 104 et seq tal-process.

"Dan id-dokument fl-isfond tax-xhiedha kredibbli u attendibbli tal-Perit Saydon, zgur ma jwassalx ghall-konvinciment ta' din il-Qorti li TGS kisret l-obbigazzjonijiet kotnrattwali taghha. Dan aparti, dan id-dokument hu vag. Ma hemm ebda identifikazzjoni ta' min minn dawn il hdax-il impjegati gie hekk ingaggjat, fuq liema xoghol, ghal kemm-il siegha, jekk hu b'sostenn jew sostituzzjoni ta' wiehed jew kollha mill-erba' haddiema barranin, u dwar il-htiega li jigu ingaggjati proprju ghall-14-il gimgha meta jirrizulta li l-haddiema barranin baqghu jahdmu is-sighat kollha fuq il-lant tax-xoghol ta' Polidano Bros. *Inoltre* ma hemm ebda prova ohra korroborattiva per esempju, xhiedha tal-impjegati, tal-foreman, jew tal-Perit stess. Anzi, il-Perit Saydon ikkonferma s-soddisfazzjon pjena tieghu tal-prestazzjoni tal-haddiema in kwistjoni.

"*Inoltre* wiehed jistenna li kieku dan l-ingagg kien gustifikat, s-socjeta' konvenuta kienet taghti xi forma ta' taghrif lis-soceta' attrici li kienet bi hsiebha tingagga haddiema ohra minnhabba xi nuqqasijiet tal-haddiema provvduti. Minn dan ma sar xejn.

"Il-Qorti wkoll tirramenta li skont Charles Polidano u xhieda ohra mressqa is-socjeta` konvenuta, saru konxji ta' problemi bejn TGS u l-haddiema f'Dicembru 2000. Dan jeskludi kategorikament li s-socjeta` konvenuta irriskontrat xi diffikultajiet ma' dawn il-haddiema matul il-perjodu kontrattwali.

"L-obbligu tas-socjeta` attrici li tipprovdi sitt haddiema tas-sengha

"Is-socjeta` konvenuta qajmet din il-lanjanza fil-kors tal-kawza. Fuq dan il-punt jirrizulta minnu li tnejn mis-sitt haddiema provvduti ma kienux tas-sengha u intbaghtu lura lejn pajjizhom. Dawn ma gewx sostitwiti. Izda dan sehh diversi xhur qabel ma ntemm il-perjodu kontrattwali u ma jirrizulta minn imkien li dan ikkaguna xi dannu lis-socjeta` konvenuta jew li agixxiet biex tirrexxindi l-kuntratt jew li insistiet ghal sostituzzjoni. Jidher li z-zewg partijiet tacitament accettaw din is-sitwazzjoni u komplew kif kienu minghajr ebda problema. F'dan l-isfond, r-riferenza ghal dawn iz-zewg haddiema bhala raguni ghall-invalidar tal-kuntratt huwa ingustifikat u insostenibbli".

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-aggravvji taghha u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, tal-11 ta' Lulju, 2013, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, tichad l-eccezzjoni tas-socjetà attrici rikonvenzjonata

u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha kontenuti fil-kontro-talba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà TGS Company Limited.

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici TGS Company Limited u l-appell incidentali mressaq minnha, fejn talbet li din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell principali interpost mis-socjetà Polidano Brothers Limited, bl-ispejjez, tilqa' l-appell incidentali interpost minnha. Ghalhekk talbet li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Lulju, 2013, fl-ismijiet premessi, hlief fejn laqghet *in parte* l-ewwel u r-raba' talbiet rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta appellanti Polidano Brothers Limited, fejn iddikjarat din is-socjetà, kreditrici tas-socjetà TGS Company Limited fl-ammont ta' €5,171.20 u kkundannat lis-socjetà TGS Company Limited thallas din is-somma, fejn ordnat lill-istess socjetà thallas terz tal-ispejjez u fejn ordnat li jithallas l-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza. Talbet ukoll li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li filwaqt li jigu michuda l-ewwel u r-raba' talbiet rikonvenzjonali u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà rikonvenzjonata, tirriforma wkoll is-sentenza appellata billi tikkundanna lis-socjetà Polidano Brothers Limited thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi u tordna li l-imghax pagabbli mis-socjetà appellanti Polidano Brothers Limited ikun mid-data tal-obbligu tal-hlas.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija wahda bbazata fuq l-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjetà konvenuta, liema talba tinsab ikkontestata mis-socjetà konvenuta, peress li din tal-ahhar tikkontendi li kienet is-socjetà attrici li kisret il-ftehim pattwit. Min-naha l-ohra, fl-azzjoni rikonvenzjonali jinghad li hija konsegwenzjali ghal tali ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjetà attrici, u ghalhekk jintalab rimbors ta' hlas ta' pagi, a bazi ta' surroga, spejjez, kif ukoll ta' danni konsegwenzjali ghall-ksur tal-obbligi kuntrattwali, da parti tas-socjetà attrici rikonvenzjonata.

L-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti jitratta l-applikazzjoni hazina tal-ligi da parti tal-ewwel Qorti, meta jinghad minnha li ghalkemm dik il-Qorti gustament ibbazat id-decizjoni taghha fejn laqghet it-talbiet attrici ghall-hlas tas-somma ta' €23,897.11 fuq il-bazi tal-principju legali ta' *pacta sunt servanda*, dan ghamlitu minghajr ma tat piz xieraq lil principju legali iehor li l-kuntratti ghandhom jigu ffirmati u esegwiti in *buona fede*. Jinghad illi filwaqt li l-ewwel Qorti tikkwota estensivament mill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, injorat kwazi ghal kollox l-agir tas-socjetà attrici li qatt ma kellha l-intenzjoni tezegwixxi l-kuntratt b'mod korrett. Irreferiet ghall-fatt li qatt ma nghatat sitt impjegati kif pattwit, imma erbgha, u li qatt ma gew rimpjazzati dawk l-impjegati li ntbaghtu lura peress li ma kienux ritenuti kapaci, naqset milli thallas il-pagi u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-istess impjegati, kif ukoll zammet illegalment il-passaporti tal-erba' impjegati.

Is-socjetà appellanti tikkritika lill-ewwel Qorti meta ddikjarat li ladarba s-socjetà appellata maghazlitx li tittermina l-kuntratt in kwistjoni, dan wassal ghall-prezunzjoni li hija accettat dan l-istat ta' fatt u li dan jippregudika l-posizzjoni legali taghha li tressaq l-ilmenti taghha permezz tal-eccezzjonijiet taghha ghat-talba originali u fil-kontro-talba mressqa minnha. Tikkontendi li l-konsiderazzjoni u l-interpretazzjoni tal-principji legali in kwistjoni da parti tal-ewwel Qorti kienu zbaljati. Tghid ukoll li kieku tterminat il-kuntratt, dan kien ser jissarraf f'danni akbar peress li kienet qeghda ssofri d-danni konsegwenza ta' skadenzi kuntrattwali li kellha fuq progett partikolari u kienet tippregudika inutilment il-posizzjoni taghha, dan meta l-principju legali jiddetta li persuna li ssofri dannu ghandha taghmel minn kollox sabiex timminimizza dak id-dannu. Tishaq li mhux gust u ekwu li meta hija hadet il-mizuri sabiex timminimizza d-danni sofferti, hija tigi penalizzata darbtejn, billi jinghad li tilfet id-dritt li tivvanta l-pretensjonijiet taghha f'dawn il-proceduri.

Ghandu jinghad mal-ewwel illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggarvju tas-socjetà konvenuta appellanti. Dana jinghad peress illi meta l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-principju legali ta' *pacta sunt servanda,* naxxenti mill-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) qalet espressament:

> "*Madankollu illum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa f'Kap. 16 trid tiġi nterpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt jiġifieri li l-kuntratti jiġu esegwiti in bona fede*. *Kwindi huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu ridimensjonati jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali ta' l-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-socjeta` u l-loġika ġuridika*".

Inoltre, ghamlet referenza specifika wkoll ghall-artikolu tal-ligi, l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, li jipprovdi:

> "*993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi*".

Zgur li ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti ma tatx piz lil dawn il-principji kif tittantat tghid is-socjetà konvenuta appellanti. Anzi, l-ewwel Qorti qieset ukoll il-provvediment tal-ligi (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili) li fih jinghad li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni, u li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, hemm ghandha tipprevali l-intenzjoni.

Konsegwentement, dik il-Qorti wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha mhux biss wara li qieset estensivament ix-xhieda u l-provi prodotti mill-kontendenti fil-kawza, izda ghamlet ukoll numru ta' konsiderazzjonijiet li jinstiltu mill-agir tal-istess kontendenti fil-kawza. Ta' min josserva li minn ezami tas-sentenza appellata, din il-Qorti rriskontrat diversi istanzi fejn l-ewwel Qorti nnotat numru ta' inkonsistenzi rizultanti mix-xhieda moghtija mid-diversi ufficjali tas-socjetà konvenuta appellanti. Dan il-fatt fih innifsu jpoggi lill-istess socjetà konvenuta appellanti taht lenti negattiva fid-determinazzjoni tal-fatti tal-kaz. Effettivament, din il-Qorti ma tirriskontrax fis-socjetà attrici appellata n-nuqqas

li tezegwixxi korrettement l-obbligi taghha taht il-kuntratt in ezami, kif attribwit lilha mis-socjetà konvenuta appellanti. Mhux l-istess jista' jinghad fil-konfront tas-socjetà konvenuta appellanti.

Lil hinn mill-fatt li kien biss f'dan l-istadju tal-appell, li s-socjetà konvenuta appellanti tikkontendi li hija pprovat timminimizza d-danni, effettivament l-ewwel Qorti ma qisetx biss il-fatt li s-socjetà konvenuta naqset milli titlob rexxisjoni tal-kuntratt, izda sahansitra milli tressaq "*ilment anke informalment b'email, fax jew ittra, fejn irregistrat xi ilment jew lanjanza rigward il-haddiema, il-hlas tal-pagi taghhom, jew spejjez li tghid li kellha tirrikorri fihom*". Dan l-agir, jew ahjar nuqqas ta' agir da parti tas-socjetà konvenuta appellanti, mhux kompatibbli ma' dak ta' kontraenti f'kuntratt li jkun qieghed igarrab danni konsegwenza ta' inadempjenza kuntrattwali tal-parti l-ohra. Ghalhekk wiehed kien jistenna li fl-ewwel lok, is-socjetà konvenuta appellanti titlob l-ezekuzzjoni xierqa tal-kuntratt, u tgharraf lis-socjetà attrici appellata bil-konsegwenzi li kienu ser isegwu, qabel ma taghmel l-ispejjez sabiex timminimizza d-danni li allegatament tkun qeghda issofri.

Il-fatt li s-socjetà konvenuta appellanti baqghet passiva, u ghazlet li tibqa' siekta u ma taghmel xejn, kien nuqqas determinanti u issa ma tistax tippretendi li ssewwih, billi tghid li kienet qeghda tipprova timminimizza d-danni. Dan apparti li s-socjetà konvenuta appellanti ma ressqitx l-icken prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha dwar l-iskadenzi li hija kellha fuq

kuntratt moghti lilha minn terzi, jew id-danni li tghid li kienet potenzjalment ser tesponi lilha nnifisha ghalihom. Konsiderazzjoni ohra li ghamlet l-ewwel Qorti fl-akkoljiment tat-talbiet attrici, li hija ritenuta wkoll bhala xierqa minn din il-Qorti, huwa l-fatt li qatt ma ntalab da parti tas-socjetà konvenuta appellanti revizjoni tal-kontijiet mibghuta mis-socjetà attrici appellata, anzi baqghu jsiru l-hlasijiet akkont.

Hekk ukoll sa fejn l-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tirribadixxi li bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx jidher li fin-nuqqas tkun qeghda titwettaq ingustizzja serja. Minn ezami tas-sentenza appellata, din il-Qorti hija tal-fehma li sar apprezzament xieraq tal-provi mressqa quddiemha, da parti tal-ewwel Qorti. Dana jinghad wara li din il-Qorti ezaminat il-provi mressqa in atti da parti tal-kontendenti fil-kawza. Mid-dokument esebit minn Boris Farrugia, *Group Head Finance*, tas-socjetà konvenuta appellanti, jirrizulta li kienu provduti hames haddiema f'Marzu tas-sena 2000, u s-sitt wiehed wasal f'Mejju. Tnejn minn dawn il-haddiema kienu rimpjazzati bi tnejn ohra bejn l-ahhar ta' Ottubru sal-bidu ta' Dicembru. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultax l-allegat nuqqas da parti tas-socjetà attrici appellata li tipprovdi n-numru ta' haddiema pattwit kif tippretendi s-socjetà konvenuta appellanti.

Fir-rigward tal-allegat nuqqas da parti tas-socjetà attrici appellata milli thallas il-pagi u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-istess impjegati, u li zammet illegalment il-passaporti tal-erba' impjegati, ghandu jinghad li kien jispetta lis-socjetà konvenuta appellanti tressaq l-provi mehtiega sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha u dana b'rispett ghall-principju li min jallega jrid jipprova. Dan il-principju jinsab kodifikat fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u ta' Procedura Civili, (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u gie ripetut diversi drabi f'sentenzi tal-Qrati taghna, fosthom dik ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, tat-12 ta' April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** fejn kien ritenut illi:

> "*in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-*
>
> "*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;*
>
> "*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);*
>
> "*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*
>
> "*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu*

*hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill- Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, Kollez. Vol. XXIV P I p 104*;".

Filwaqt li din il-Qorti thaddan il-principji hawn appena elenkati, applikati ghall-kaz in ezami, issib li filwaqt li s-socjetà attrici appellata wettqet l-oneru tal-prova mistenni minnha fil-prosegwiment tat-talbiet taghha, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tas-socjetà konvenuta appellanti, li naqset li ssostni l-eccezzjonijiet moghtija minnha bi provi xierqa. Lanqas tressqu jixhdu l-erba' impjegati sabiex jikkonfermaw bil-gurament id-dikjarazzjoni maghmula minnhom fis-26 ta' Dicembru, 2000, li kien hemm xi flus li suppost thallsu bhala paga, dovuta lilhom da parti tas-socjetà attrici appellata, li minflok thallsu minn Polidano Brothers Limited. Anzi hemm ittra mahruga mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' Impieg datata 4 ta' Settembru, 2001, li fiha jinghad li kwazi sena wara, dawn l-erba' impjegati ghadhom ma thallsux il-paga taghhom. Ma tressaq ebda rapprezentant da parti tad-Dipartiment koncernat sabiex jixhed dwar l-allegat nuqqas tas-socjetà attrici li thallas il-kontribuzzjonijiet socjali tal-istess haddiema, kif ukoll ebda xhud ma tressaq sabiex jikkorrabora l-allegazzjoni tas-socjetà konvenuta appellanti dwar iz-zamma tal-passaporti tal-istess impjegati. Ladarba s-socjetà konvenuta appellanti naqset milli tipprova b'mod konvincenti dak minnha allegat, difficli biex tirnexxi fid-difiza taghha ghall-azzjoni attrici.

Isegwi li dan l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

It-tieni aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti jitratta n-nuqqas tas-socjetà attrici appellata milli tipprova l-elementi kollha mehtiega sabiex tirnexxi fl-azzjoni taghha peress li naqset milli tressaq l-ahjar prova fil-ligi in sostenn tal-pretensjonijiet taghha meta naqset milli ggib bhala prova l-ezistenza tal-kuntratt ta' impieg bejn TGS Company Limited u l-haddiema in kwistjoni waqt li kien fis-sehh il-kuntratt bejn TGS Company Limited u Polidano Brothers Limited. Konsegwentement jinghad minnha li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tilqa' t-talbiet attrici ghall-hlas ta' penali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa wiehed al kwantu fieragh. Jibda billi jinghad illi minn ezami tal-atti, imkien ma jirrizulta li f'xi mument is-socjetà konvenuta appellanti kkontestat li s-socjetà attrici appellata pprovdietilha l-erba' haddiema in kwistjoni in forza tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza. Tant hu hekk li permezz tat-talba rikonvenzjonali hija tammetti li hallset lil Slobodan Peric, Milorad Nenezic, Goran Kuzeljevic u Miodrag Colic <u>fil-kwalità taghhom ta' haddiema tas-socjetà attrici l-kreditu taghhom fil-konfront taghha</u>, u dan ixejjen l-argument migjub f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza. Aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra wkoll ix-xhieda estensiva u specifika ta' diversi rapprezentanti u ufficjali ohra tas-socjetà konvenuta appellanti fosthom ta'

Boris Farrugia, tal-Perit Arkitett Vincent Saydon, ta' Carmel Polidano u ta' Charlo Farrugia, kif ukoll id-dokumenti pprezentati mill-istess xhieda.

Mix-xhieda tal-ahhar xhud imsemmi Charlo Farrugia, tal-14 ta' Frar, 2006, jinghad ukoll li huma kellhom kopja ta' dawn il-kuntratti tal-istess haddiema mal-kumpanija attrici: "*biex inkunu nistghu naraw jekk effettivament dawn setghux jithadmu bil-mod kif qalu w peress li kienu ghamlulna talba, l-istess haddiema biex nimpjegaw direttament ahna f'dik l-epoka, ridna nezaminaw ukoll l-istess kuntratti biex naraw jekk kienx hemm xi haga milli zzommna illi naghmlu dan*".

Tajjeb li jinghad ukoll li, sa fejn l-azzjoni attrici titratta l-hlas ta' penali, din tissejjes fuq l-Artikolu 2.10 tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza, anness mac-citazzjoni, li wara kollox jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom meta jinghad:

> "*If the Employer makes personal arrangement with any labourers subject to this Contract, after the Contract period expires, Contractor shall be paid the Lump Sum LM1000 per person to cover his Agency expenses*".

Din il-klawzola hija cara u ma thalli lok ghal ebda dubju ghall-konsegwenzi li jitnisslu minnha f'kaz ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali pattwiti. L-azzjoni attrici tissejjes fuq il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza, esebit in atti mac-citazzjoni, u ebda kuntratt iehor li hija kellha mal-haddiema.

Dak li effettivament jirrizulta li gara mill-provi in atti huwa li s-socjetà konvenuta, wara li skada l-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza f'Dicembru 2000, bdiet thaddem dawn l-erba' impjegati tas-socjetà attrici appellata direttament u baqghet hekk thaddimhom tal-inqas sas-sena 2002 anzi sas-sena 2004. Dan il-fatt jinsab ukoll ikkonfermat minn Charlo Farrugia, *Human Resources Manager* tas-socjetà konvenuta appellanti fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Gunju, 2006. Konsegwentement, huwa ritenut li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija gusta, meta qieset li b'ghemilha, is-socjetà konvenuta appellanti kellha tinkorri l-penali kkontemplata fil-kuntratt ghac-cirkostanzi tal-kaz peress li sehh ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawza.

Lanqas dan it-tieni aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Imiss li jigi ttrattat it-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti, dak li permezz tieghu tikkontendi li hija sofriet pregudizzju manifest meta l-ewwel Qorti imponiet fl-intier taghha l-penali kkontemplata fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fil-konfront taghha. Dan meta hija ssostni li kien hemm lok ghal temperament u/jew modifika tal-penali imponibbli fil-konfront taghha, peress li tishaq li s-socjetà attrici appellata ezegwiet biss in parti l-obbligazzjonijiet taghha skont l-istess kuntratt. Jinghad ukoll li s-socjetà attrici appellata naqset milli thallas lill-haddiema in kwistjoni, kif ukoll baghtithom jahdmu fuq lant tax-xoghol li ma kienx dak tas-socjetà konvenuta appellanti. Ghalhekk tikkontendi

li fic-cirkostanzi kien ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-penali imposta u dan proporzjonalment ghall-ezekuzzjoni tal-obbligi tas-socjetà attrici appellata.

Jibda billi jinghad illi din il-linja difensjonali tikkostitwixxi eccezzjoni gdida li ma kenitx avvanzata da parti tas-socjetà konvenuta appellanti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk bhala principju ma timmeritax li tigi investita f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza. Izda peress li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, sahansitra kkontemplat il-possibilità li klawsola penali tigi ridimensjonata jekk tirrizulta sproporzjonata jew inaccettabli jew tmur b'xi mod kontra l-logika guridika, ghalhekk ser tqis dan il-kwezit.

Permezz ta' dan l-aggravju taghha, is-socjetà konvenuta appellanti qeghda tinvoka t-tnaqqis tal-penali, li tinsab ikkontemplata fl-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili:

> "1122**.** (1) Il-Qorti ma tistax tnaqqas jew itaffi l-penali hlief f'dawn il-kazijiet:
>
> (a) "jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita;
>
> (b) "jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun bic-car tiswielu. Izda, f'dan il-kaz, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, jkun irrinunzja espressament ghall-kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss.
>
> "(2) Meta skond dan l-artikolu l-penali ghandha tigi mnaqqsa, it-tnaqqis ghandu jsir fil-proporzjoni tal-parti ta' l-obbligazzjoni li tkun baqghet mhux esegwita".

Iz-zewg subincizi tal-Artikolu 1122(1) huma separati u distinti minn xulxin. Izda fil-fehma tal-Qorti, il-kaz in ezami ma jinkwadrax ruhu taht iz-zewg xenarji kkontemplati fl-Artikolu 1122(1), peress li ma jirrizultalhiex l-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjetà attrici appellata kif tittanta tghid is-socjetà konvenuta appellanti. Fil-fehma tal-Qorti ma tressqetx prova sodisfacenti li s-socjetà attrici appellata naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha hekk kif stipulati fil-kuntratt jew li wettqet l-obbligi taghha parzjalment kif tittanta tghid is-socjetà konvenuta appellanti, anzi pprovdiet is-servizzi tal-haddiema kif pattwit u dan a sodisfazzjon tas-socjetà konvenuta appellanti (ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-perit arkitett Vincent Saydon).

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li ssib li ma jirrizultalhiex raguni valida ghal temperament fil-penali, ma tqisx anqas l-istess klawsola tal-penali "*inaccettabli jew tmur b'xi mod kontra l-logika guridika*" u konsegwentement qeghda tirrigetta wkoll it-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti.

Sa fejn fir-raba' aggravju tas-socjetà appellanti jinghad li l-istess penali ma tistax tigi inforzata peress li allegatament tmur kontra l-principju tal-moviment hieles tal-persuni skont il-Ligijiet tal-Unjoni Ewropea, din il-Qorti tqis illi m'ghandhiex tinoltra ruhha f'dan l-ilment tas-socjetà konvenuta appellant, li gie avvanzat biss fl-istadju tal-appell. Konsegwentement dan l-aggravju wkoll ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat il-hames aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti fejn jinghad minnha li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u tat interpretazzjoni hazina tal-ligi meta laqghet biss *in parte* l-kontro-talba tas-socjetà konvenuta appellanti. Jinghad li ladarba l-Qorti kienet marbuta bil-parametri tat-talbiet rikonvenzjonali u l-eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba, peress li s-socjetà attrici rikonvenzjonata ressqet biss eccezzjoni wahda, dik relatata man-nuqqas tad-dritt ta' surroga tas-socjetà konvenuta in konnessjoni mal-hlas tal-haddiema in kwistjoni, l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb ghan-nuqqasijiet tas-socjetà appellata rikonvenzjonata u ttrattat il-kontro-talba bhal li kieku tressqu eccezzjonijiet li fil-fatt ma tqajjmux. Tishaq ukoll li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-klawzola ta' esklussvità li kien hemm fil-ftehim, fis-sens li l-haddiema ma kellhomx jintbaghtu fuq ebda lant iehor tax-xoghol u dan riferibilment ghall-perijodu li fih is-socjetà konvenuta appellanti kienet fuq *shut down*. Hekk ukoll tinsisti li l-produttività tal-haddiema in kwistjoni naqset, kemm peress li kienu jaghmlu xoghlijiet fuq lantijiet ohra, kif ukoll peress li ma kienux qeghdin jithallsu ta' xogholhom.

Huwa ritenut li lanqas dan l-aggravju ma hu meqjus meritevoli in kwantu jigi nnotat illi s-socjetà attrici rikonvenzjonata qabel ma semmiet in-nuqqas ta' surroga fl-eccezzjonijiet taghha, nghad minnha "*Illi t-talbiet tas-socjetà Polidano Brothers Limited huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi*". Ghalkemm jista' jinghad li s-socjetà attrici rikonvenzjonata ghamlet premessa

generika fl-eccezzjonijiet taghha, ma jistax jinghad li l-eccezzjonjiet taghha mhumiex cari jew li ma jinftehmux. Hekk ukoll minn ezami tas-sentenza appellata, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti ddecidiet it-talba rikonvenzjonali billi ttrattat xi eccezzjoni li ma nghatatx mis-socjetà attrici rikonvenzjonata.

Mhux minnu anqas li l-ewwel Qorti naqset milli titratta l-kwistjoni li l-haddiema ntbaghtu fuq lant iehor tax-xoghol waqt ix-*shut down* tas-socjetà konvenuta appellanti. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetà konvenuta appellanti, l-ewwel Qorti kkonsidrat li f'Awwissu tas-sena 2000, erbgha mill-haddiema waqt il-hamest ijiem *shut down* ta' Polidano Brothers intbaghtu jahdmu ma' Skanska Co. Ltd. fuq il-progett tal-isptar, tant li nghad minnha:

> "*L-uzu tal-haddiema fix-shutdown tas-socjeta` konvenuta strettament mhuwiex gustifikabbli bil-kuntratt izda ma kien hemm ebda ilment mis-socjeta` konvenuta dwar dan u ebda hsara sofferta. Jekk wiehed jaghti interpretazzjoni ragjonevoli lill-kondizzjoni tal-kuntratt, ghandu jasal biex jaccetta li id-divjet li l-haddiema jintuzaw fuq xoghol ta' terzi kien intiz biex jassigura li l-progett tas-socjeta' konvenuta ikompli minghajr tfixxkil meta l-lant tax-xoghol ikun miftuh mhux wieqaf ghall btala*".

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragunament tal-ewwel Qorti hawn appena citat.

In kwantu jinghad mis-socjetà appellanti li l-produttività tal-haddiema in kwistjoni naqset, kemm peress li kienu jaghmlu xoghlijiet fuq lantijiet ohra, kif ukoll peress li ma kienux qeghdin jithallsu ta' xogholhom, hawn ukoll din il-Qorti tirriskontra nuqqas da parti tas-socjetà konvenuta appellanti f'dak li

ghandhom x'jaqsmu l-provi li tressqu minnha fir-rigward. Ghajr ghal dik il-gimgha li hija kienet bix-*shut down,* u li fiha l-haddiema jinghad li ttiehdu jahdmu fuq il-lant tax-xoghol differenti, kif wara kollox jirrizulta ammess mir-rapprezentant tas-socjetà attrici, ma tirrizultax li saret prova ta' okkazjonijiet ohra fejn dawn il-haddiema ttiehdu jahdmu f'postijiet ohra. Anzi mix-xhieda moghtija fil-5 ta' Frar 2004 mill-perit Arkitett Vincent Saydon, impjegat mas-socjetà konvenuta appellanti, jinghad:

> "*Apparti l-kaz li kont semmejt fejn il-haddiema barranin kienu ittiehdu jahdmu fuq progett iehor nista' nghid li fiz-zminijiet l-ohrajn hadmu esklussivament fuq il-progett li kellha l-kumpanija Polidano Brothers Limited*".

Xhieda li xxejjen ghal kollox l-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti.

Ix-xhieda tad-diversi ufficjali tas-socjetà konvenuta appellanti hija konfliggenti ghall-ahhar dwar meta suppost sar l-ahhar hlas ta' pagi da parti tas-socjetà attrici appellata, fis-sens li filwaqt li Charles Polidano jsemmi Awissu tas-sena 2000, Boris Farrugia u Charlo Farrugia jixhdu li l-paga lill-erba' haddiema twaqqfet da parti tas-socjetà attrici appellata f'Ottubru tas-sena 2000. Mill-provi esebiti in atti, fosthom ic-cekkijiet mahruga mis-socjetà attrici appellata, din il-Qorti tinsab konvinta li s-socjetà attrici kienet tabilhaqq qeghda thallas lill-haddiema in kwistjoni tal-inqas sal-bidu ta' Novembru, 2000. Mhux daqstant cert kemm sar il-hlas ta' pagi tal-haddiema in kwistjoni fl-ahhar xahar bejn l-ewwel gimgha ta' Novembru, tas-sena 2000 u l-ewwel gimgha ta' Dicembru tas-sena 2000.

Jidher li nqala' d-dizgwid bejn il-kontendenti fil-kawza ftit qabel gie fit-tmiem il-kuntratt in kwistjoni. Mill-affidavit tar-rapprezentant tas-socjetà attrici appellata, Anthony Sammut, jinstilet il-fatt li l-haddiema in kwistjoni naqsu milli jaghtuha *notice* u li l-istess socjetà attrici kienet qeghda tittanta tilhaq ftehim a saldu tal-pretensjonijiet li seta' kellhom l-istess haddiema, liema ftehim baqa' ma ntlahaqx, possibilment konsegwenza tal-intervent tas-socjetà konvenuta appellanti. Taht l-iskrutinju tal-kontro-ezami l-istess xhud baqa' konsistenti u jghid ukoll li s-socjetà minnu rapprezentata ma kenitx effetwat il-hlas tal-paga tal-ahhar hmistax cirka tas-servizz taghhom, proprju minhabba d-dizgwid li nqala'. Min-naha l-ohra, mix-xhieda tal-perit Vincent Saydon, li kif inghad qabel kien impjegat mas-socjetà konvenuta appellanti, jinghad minnu li "f*'Dicembru tas-sena 2000 il-haddiema kienu gharrfuni ukoll li ma kienux qeghdin jaqbdu l-paga minghand il-kumpanija attrici*".

Madankollu huwa ritenut li ladarba kienet is-socjetà konvenuta appellanti li kienet qeghda tinvoka n-nuqqas ta' hlas tal-pagi da parti tas-socjetà attrici lill-haddiema in kwistjoni, kien jispetta lill-istess socjetà konvenuta appellanti li tressaq tali prova, a bazi tal-principju qabel enuncjat li min jallega jrid jipprova. Fic-cirkostanzi huwa ritenut li l-ahjar prova dwar l-allegat nuqqas ta' hlas ta' paga u l-estent tal-istess nuqqas kienet tkun ix-xhieda tal-haddiema in kwistjoni, li baqghet ma tressqetx.

Ghandu jinghad ukoll li minflok ir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta appellanti vverifikaw l-affarijiet mas-socjetà attrici appellata, sabiex possibilment tinstab soluzzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti saret ghazla cara, dik li japprofittaw ruhhom mis-sitwazzjoni sabiex jimpjegaw lill-erba' haddiema in kwistjoni direttament, dan bi ksur tal-kondizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt.

Isegwi li lanqas il-hames aggravju ma jimmerita li jintlaqa' u ghalhekk ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat is-sitt aggravju taht l-appell principali, dak dwar l-applikazzjoni hazina tal-ligi da parti tal-ewwel Qorti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-imghaxijiet dekorribbli fuq is-somma likwidata mill-istess Qorti. Tikkontendi li huwa principju stabbilit minn diversi sentenzi li fejn issir likwidazzjoni ta' somma dovuta l-imghax fuq dik is-somma jiddekorri biss mid-data ta' tali likwidazzjoni, li f'dan il-kaz kellu jkun ritenut dekorribbli mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Hawn ukoll l-aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti ma jista' jsib ebda soljev. Huwa minnu li l-principju ta' *in illiquidis non fit mora* huwa wiehed assodat fil-gurisprudenza taghna fis-sens illi fil-kaz ta' proceduri li jinvolvu talba ghal-likwidazzjoni ta' ammont ta' flus dovuti, l-imghaxijiet jibdew

jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta permezz ta' sentenza tal-Qorti. Madankollu tezisti eccezzjoni ghal dan il-principju, cioè f'dawk il-kazijiet fejn l-atturi f'kawza jsemmu cifra specifika fir-rikors promotur taghhom.

F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Albert Mallia v. Albert Camileri et** fejn inghad:

> "*In tema legali jigi osservat li, hu ritenut li meta l-ammont jigi indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni; u jekk id-debitur irid jezimi ruhu milli jhallas l-imghax jista' jiddepozita s-somma indikata fir-Registru tal-Qorti [ara Appell Civili Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri, deciz 31 ta' Jannar 2003; PA Saviour Ellul noe v. AIC Joseph Ellul Vincenti, deciz 21 ta' Jannar 2005].*
>
> "*Il-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta ghax il-Qorti ma tkun illikwidat ebda ammont b'mod li tigi applikata l-massima 'in illiquidis non fit mora" [App.Inf. Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone, deciz 17 ta' Frar 2003]. Inoltre tosserva li d-debitur m'ghandux jiehu vantagg semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx gie determinat gudizzjarjament billi jiffranka l-hlas tal-imghax sakemm l-ammont jigi defenittivament likwidat*".

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti m'hu ritenut meritevoli.

Fuq l-istess tema t'imghax, huwa ritenut opportun illi f'dan l-istadju jigi trattat ukoll ir-raba' aggravju taht l-appell incidentali tas-socjetà attrici appellata, peress li wkoll jitratta l-imghaxijiet akkordati mill-ewwel Qorti fuq is-somma

mitluba. Is-socjetà attrici tikkontendi li peress li hawnhekk si tratta ta' obbligi kummercjali, allura l-imghax huwa proprjament dekorribbli mid-data tal-obbligazzjoni tal-hlas kif jiddisponi l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16. L-artikolu citat mis-socjetà attrici jiddisponi hekk:

> "(1) *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure***,*** *l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx dubju li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa wiehed naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-kontendenti fil-kawza u li f'dan il-kaz l-imghax kien dekorribbli mid-data tal-fattura. Izda fl-att tac-citazzjoni jintalbu "*l-imghaxijiet legali mil-lum*", u allura jsegwi li l-ewwel Qorti ma setghatx takkorda imghaxijiet oltrè dawk mitlubin permezz tat-talba attrici. L-ewwel Qorti ghamlet sew meta akkordat lis-socjetà attrici l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Ghalhekk lanqas dan l-aggravju dwar l-imghaxijiet kif rizultanti mill-appell incidentali ma jimmerita li jintlaqa' u konsegwentement ser jigi michud.

Imiss li jigu trattati l-bqija tal-aggravji pprezentati fl-appell incidentali tas-socjetà attrici TGS Company Limited. Permezz tal-ewwel aggravju taghha, is-socjetà attrici tikkontendi li s-socjetà konvenuta Polidano Brothers Limited ma kellha ebda dritt tindahal fil-kwistjoni tal-impjieg bejn il-haddiema u s-socjetà attrici TGS Limited. Taghmel referenza ghal numru ta' klawzoli tal-kuntratt, fosthom klawzola 2.10 fejn jinghad specifikatament illi:

"*Even though work permits shall be obtained on the Employer's name, the Employer will at no point before, during and after contract period seek to make personal arrangements with any employee or employees. …Under no circumstances Employer has right to interfere in relations between Contractor and his Employees*".

Is-socjetà attrici appellanti, filwaqt li tishaq li fil-kuntest tar-rabta kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawza s-socjetà konvenuta Polidano Brothers Limited ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali diretta mal-haddiema, indahlet fir-relazzjoni bejn is-socjetà attrici u l-haddiema taghha meta allegatament hallset il-pagi tal-istess haddiema.

Jinghad li l-ewwel Qorti apprezzat korrettement il-principji msemmija qabel ta' *pacta sunt servanda* u li l-volontà tal-partijiet espressa fuq ftehim ghandha s-sahha ta' ligi a tenur tal-Artikolu 992 tal-Kodici Civili. Is-socjetà attrici tikkontendi li ladarba kienet hi biss li kellha l-obbligu li thallas lill-impjegati taghha, il-pagamenti li allegatament saru da parti tas-socjetà Polidano Brothers Limited saru bi ksur tal-ftehim u kontra l-istess principju ta' *pacta sunt servanda.* Tishaq li hija ma hadet ebda beneficcju dirett jew indirett minn dan l-intervent tas-socjetà Polidano Brothers Limited, anzi l-istess indhil issarraf fi pregudizzju ghaliha peress li xejnet ir-relazzjoni bejnha u l-impjegati taghha. Taghmel referenza ghax-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta li originarjament gharrfu lill-haddiema li ma setghux jintervjenu fuq il-pagi taghhom, u li anqas ittantaw jivverifikaw il-veracità tal-allegat nuqqas ta' hlas ta' paga mal-istess socjetà attrici. Tqis li kwalunkwè hlasijiet li setghu saru da

parti tas-socjetà konvenuta minn jeddha, ma jaghtuha ebda dritt ta' surroga u ghalhekk ma jorbtux lis-socjetà attrici.

Is-socjetà attrici fl-appell incidentali taghha tishaq li l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li s-socjetà konvenuta appellanti sabet ruhha rinfaccata b'sitwazzjoni ta' "*disgruntled jew demotivated employees*" kienet wahda zbaljata, peress li fl-ewwel lok Polidano Brothers Limited ma kellha ebda dritt tintervjeni fil-hlas tal-pagi tal-impjegati tas-socjetà attrici TGS Company Limited, u fit-tieni lok il-problemi taghha mal-erba' impjegati in kwistjoni, tant li telqu l-impieg taghhom maghha u impjegaw ruhhom direttament mas-socjetà konvenuta appellanti Polidano Brothers Limited, kienu konsegwenza tal-agir tal-istess socjetà konvenuta appellanti u l-indhil taghha, u fl-ahhar, l-allegazzjoni li l-*performance* tal-impjegati bdiet tmajna jew li kienu *demotivated* hija zbaljata u tinsab kontradetta bix-xhieda tal-perit Arkitett Vincent Saydon li jghid li tant kien kuntent bix-xoghol ta' dawn il-haddiema li ssuggerixxa li s-socjetà konvenuta ma kellhiex titlifhom u qatt ma ressaq ilment dwar xogholhom.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti taqbel ma' dak li jinghad mis-socjetà attrici li l-agir tas-socjetà konvenuta appellanti bl-indhil taghha, li thallas il-pagi tal-haddiema, kien bi ksur tal-principju ta' *pacta sunt servanda* u dan bi ksur tal-klawzola 2.10 tal-kuntratt.  Izda, sabiex tkun rizolta l-vertenza relativa ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta appellanti ghall-hlas ta' pagi li hija ghamlet

favur il-haddiema in kwistjoni, ikun utli li l-ewwel jigi investit punt iehor krucjali f'din il-kawza, dak imressaq taht it-tieni aggravju tas-socjetà attrici, cioè dak li ma saritx l-ahjar prova tal-pagament da parti tas-socjetà konvenuta appellanti.

Is-socjetà attrici taghmel referenza ghall-provi prodotti min-naha tas-socjetà konvenuta appellanti u tislet diversi kontradizzjonijiet li jirrizultaw mix-xhieda mressqa minnha. Jinghad li filwaqt li Boris Farrugia, *Group Head Finance*, isostni li Polidano Brothers Limited hallset il-pagi tal-haddiema in kwistjoni u talbet dikjarazzjoni minghandhom sabiex imbaghad tkun tista' tintalab rifuzjoni da parti tas-socjetà attrici TGS Company Limited, Carmel Polidano mistoqsi in kontro-ezami waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju, 2004, jekk kienux hallsu pagi lil dawn il-haddiem in kwistjoni, jishaq li l-kumpanija minnu rapprezentata hallset biss *"tips jew allowances*, *mhux il-pagi*", u dan sabiex jigu ekwiparati mal-pagi li kienu qeghdin jircievu haddiema ohrajn. Dan apparti li, kif riskontrat mill-ewwel Qorti, l-ittra mibghuta mill-Ministeru tal-Politika Socjali f'Settembru, 2001 tkompli tixhet id-dubju dwar jekk effettivament sarux dawn il-hlasijiet. Is-socjetà attrici filwaqt li tfakkar il-principju ta' *onus probandi incumbit qui dicit non cui negat,* tikkontendi li s-socjetà konvenuta appellanti naqset ghal kollox li tipproduci l-ahjar prova li hija verament ghamlet il-hlas tal-pagi kif qieghed jigi allegat. Hija tikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta nghad minnha: "*fl-assenza ta' prova mis-socjeta` TGS li, bhala employer hallset lil dawn l-impjegati waqt il-kors tax-xoghol taghhom fil-perjodu kontrattwali, wiehed jista' jiddesumi ragjonevolment li dawn il-pagi thallsu mis-socjeta` konvenuta*

*ghalhiex baqghu jattendu ghax-xoghol*". Dan meta s-socjetà konvenuta appellanti naqset milli tressaq prova li effettivament hija wettqet il-hlas favur l-istess haddiema.

Tabilhaqq, wara li din il-Qorti ezaminat il-provi esebiti in atti u hasbet fit-tul fuq il-materja, issib li s-socjetà konvenuta appellanti ma ressqitx provi dwar jekk sarx u kif sar il-pagament u dan sabiex issostni l-kontro-talba taghha ghall-hlas ta' Lm2,220 bhala rifuzjoni tal-pagi li tikkontendi li ghamlet lill-haddiema in kwistjoni. L-uniku prova li tressqet huma erba' dikjarazzjonijiet tal-istess haddiema fejn jinghad minnhom li rcevew somma flus minghand Polidano Brothers Limited bhala hlas ta' paga dovuta mis-socjetà TGS Company Limited. Ebda dikjarazzjoni ma tinsab awtentikata jew guramentata u l-ebda haddiem ma tressaq jixhed fir-rigward.

Konsidrat ukoll l-estent tal-provi konfliggenti li ressqet is-socjetà konvenuta appellanti, din il-Qorti ma tinsabx daqstant konvinta fuq il-grad tal-prova mressqa mis-socjetà konvenuta appellanti rigward il-hlas ta' pagi allegatament maghmulha minnha. Il-fatt li, kif inghad mill-ewwel Qorti, il-haddiema baqghu jahdmu mas-socjetà konvenuta appellanti jista' jkun rizultat ta' diversi cirkostanzi, u mhux bilfors il-hlas ta' paga li kienet pendenti da parti tas-socjetà attrici. F'dan il-kuntest issir referenza ghar-regola generali fil-ligi proceduralі Maltija ai termini tal-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi l-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-

parti tista' ggib. Madankollu kif ritenut minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Louis Bianchi nomine v. George Spiteri**:

> "*Il-principju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeciedi "iuxta allegata et probata", ghalkemm ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha li tkun mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza. Dan ma jfisserx li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi. L-artikolu 559 tal-Kap 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar provi u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova*".

F'dan l-istadju jinhass opportun li ssir referenza wkoll ghar-rassenja ta' gurisprudenza migbura fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Settembru 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** fejn inghad:

> "*... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara sentenza Appell Inferjuri - 12.1.2001 - Hans J. Link et v. Raymond Mercieca)*
>
> "*… il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara sentenza Appell Inferjuri - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil).*
>
> "*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*
>
> "*… Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara sentenza tal-Prim'Awla - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*".

Filwaqt li din il-Qorti thaddan dawn l-istess insenjamenti, tirritjeni li f'dan il-kaz ukoll kien jinkombi fuq is-socjetà konvenuta appellanti li ggib l-ahjar prova in sostenn tal-pretensjoni taghha ta' rifuzjoni ta' hlas ta' pagi li allegatament ghamlet favur il-haddiema in kwistjoni kif imressqa fl-azzjoni rikonvenzjonali taghha. Il-Qrati mhumiex tenuti jaghtu rimedju lil dik il-parti f'kawza li tonqos li ggib l-ahjar prova sabiex issostni t-talbiet taghha.

Isegwi li dawn iz-zewg aggravji fl-appell incidentali tas-socjetà attrici jimmeritaw l-akkoljiment taghhom u ser jintlaqghu. Konsegwentement, in vista ta' dak hawn appena deciz, it-tielet aggravju tas-socjetà attrici relativament ghall-ispejjez u li dawn ghandha tbaghtihom kollha s-socjetà konvenuta appellanti wkoll jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali interpost mis-socjetà konvenuta appellanti Polidano Brothers Limited billi tichad l-istess, izda tilqa' l-appell incidentali interpost mis-socjetà attrici TGS Company Limited, u ghalhekk qeghda:

(i) tikkonferma s-sentenza appellata kwantu u limitatament sa fejn laqghet it-talbiet attrici relattivi;

(ii) tikkonferma s-sentenza appellata fejn cahdet it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali; u

(iii) filwaqt li thassar il-bqija tas-sentenza appellata fejn laqghet l-ewwel u r-raba' talbiet rikonvenzjonali u ddikjarat is-socjetà attrici debitrici tas-socjetà konvenuta u kkundannat lis-socjetà attrici thallas lis-socjetà konvenuta s-somma ta' hamest elef, mija u wiehed u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€5,171.20);

(iv) minflok tichad it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta fis-shih;

(v) thassar is-sentenza appellata fejn ordnat li l-ispejjez jithallsu kwantu ghal 1/3 mis-socjetà attrici u 2/3 mis-socjetà konvenuta u minflok tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta Polidano Brothers Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur

mb